**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 106 u 108 tal-Kap. 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

***Kumpilazzjoni Numru 90/2010***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**MARCO XUEREB**
**(Karta tal-identita' numru 0411466M)**

**Illum, 15 ta' Settembru 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat Marco Xuereb, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0411466(M) gie akkuzat:

1. Talli nhar is-6 t'April 2008 ta xhieda falza f'materja civili meta ghamel affidavit falz f'Malta, waqt li kien jaf li dak l-affidavit kien mehtieg jew mahsub ghal proceduri civili f'Malta.

2. Talli fl-istess data f'dawn il-gzejjer halef falz quddiem ufficjal li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti gurament.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti cioe' estratt mill-att tat-twelid tal-imputat (a fol. 4), Fedina Penali (a fol. 5), il-Kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja datat 29 ta' Marzu, 2010 (a fol. 6), okkorrenza (a fol. 7 u 8), l-istqarrija ta' Marco Xuereb (a fol. 9 sa 11), u l-kwerela mressqa minn Franco Xuereb (a fol. 12 u 13).

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju. Semghet ukoll ix-xhieda prodotta mid-difiza.

<u>Ikkunsidrat:</u>

**L-Ispettur Nikolai Sant** xehed fid-disa u ghoxrin (29) ta' Marzu, 2010 u spjega illi fl-ghoxrin ta' Ottubru tas-sena 2009 hu kien ircieva kwerela minghand Dr. Mark Busuttil ghan-nom tal-klijent tieghu Franco Xuereb (KI 246161M) fejn talab lill-pulizija biex tiehu passi kontra hu il-klijent tieghu certu Marco Xuereb, billi allega li dan kien ha gurament falz u li kien ghamel affidavit f'xi Qorti Civili. Jghid li in segwitu' hu kien kellem lil Franco Xuereb kif ukoll liz-zewg impjegati ta' Calamatta Cuschieri Brokers Ltd., jigifieri lil Sonia Aquilina xebba Ellul u lil Alex Cuschieri. Huwa ghamel ukoll referenza ghal Dok NS 5 u jghid li din hija l-stqarrija li l-imputat irrilaxja b'mod volontarju wara li nghata s-solita twissija u li fuqha kien qieghed jaghraf il-firem kollha nkluz tal-imputat.

Ix-xhud ezebixxa Dok NS7**,** li huwa vera kopja tar-rikors guramentat ta' Marco Xuereb u l-atti relatati mieghu inkluz ir-risposta li kien ipprezenta

Franco Xuereb. Dan ir-rikors gie guramentat fis-6 ta' April 2008 quddiem il-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil, *Commissioner for Oaths* u gie ntavolat fir-registru tal-Qorti fis-6 ta' Mejju tas-2008. Huwa esebixxa dokument iehor li gie markat bhala **Dok. NS8** u jghid illi dan huwa kopja ta' *computer screen* li ttiehed mil-kumpanija Calamatta Cushieri Brokers Ltd. u li huwa ffirmat bhala vera kopja mill-impjegata tal-kumpanija Calamatta Cushieri Brokers Ltd certu Sonia Aquilina.

In kontro-ezami jghid illi l-imputat kien qallu li din l-informazzjoni li hemm fir-rikors kienet taghthielu Sonia Aqulina, u spjega illi l-imputat kien qallu li huwa kien prezenti waqt illi din Sonia Aquilina kienet ghamlet telefonata lil Franco Xuereb u l-informazzjoni li hemm f'dan ir-rikors kien ghaddihielha Franco Xuereb waqt li l-imputat kien qiegħed jisma' din it-telefonata. Dak il-hin kien hemm prezenti wkoll il-mara tal-imputat.

Jghid illi l-imputat lilu kien qallu wkoll illi din it-telefonata, fejn hu kien prezenti, kienet sehhet fl-erbatax ta' Jannar 2008 u l-hin kien bejn it-tlieta w nofs u l-hamsa w nofs ta' wara nofs inhar. Jghid illi l-imputat kien talbu biex jaghmel il-verifiki rigwardanti x'telefonati saru minn Calamata Cushieri dak inhar. Jghid illi hu ghamel dawn il-verifiki, billi staqsa lil Dr. Cushieri jekk kellhomx xi *records* ta' dawn it-telefonati, pero' qalulu li ma kellhomx. Jghid li l-verzjoni ta' Franco Xuereb kienet differenti mill-verzjoni moghtija lilu mill-imputat. L-Ispettur Nikolai Sant jghid li ma kienx iccekkja mal-kumpaniji Go u Vodafone in kwantu dawn it-telefonati.

**Dr. Mark Busuttil** xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru, 2010 u spjega illi huwa l-Avukat konsulent parte civile. Jghid illi din il-kawza hija in konsegwenza ta' proceduri kriminali li ghadhom ghaddejjin, u li kienu

qed jinstemghu quddiem l-allura Magistrat L.Quintano, u li fihom l-imputat odjern huwa parte civili . B'referenza ghad-dokument esebit fl-atti bhala **Dok NS7** qal li a fol 20 ta' dan id-dokument li huwa rikors ta' Mark Xuereb (KI411466M) jissemmew dawn il-proceduri kriminali li ghadu kif xehed dwarhom. Spjega illi meta gie prezentat dan ir-Rikors, il-klijent tieghu, il-parte civile fil-kawza odjerna, mar urihulu w kien gibidlu l-attenzjoni ghat-tieni pagna tar-rikors (fol 21 tal-process), partikolarment ghall-punt numru tlieta elenkat fl-istess faccata fejn hemm indikat b'mod car dak li allega l-imputat fil-konfront ta' huh Franco Xuereb u cioe' li Sonia Ellul u s-Sur Cuschieri kienu qalulu li huh Franco Xuereb kien talabhom sabiex il-flus ta' ommu li kienu ser jaghlqu jigu mibghuta lilu permezz ta' cekk sabiex ikun jista' jinvestihom hu stess. Franco Xuereb jichad kategorikament li qatt qal dan id-diskors. Jghid ukoll li l-klijent tieghu kien gharrfu li huwa stess kien ghamel il-verifiki ma' Sonia Ellul u s-Sur Cushieri rigwardanti l-kontenut ta' dan it-tielet paragrafu u dawn ukoll cahdu kategorikament il-kontenut ta' dak il-paragrafu u cioe' li huwa kien qatt qalilhom dawn il-kliem.

Ghalhekk Dr. Busuttil qal illi kien issuggerixxa lill-klijent tieghu jaghmel appuntament mas-sur Cuschieri kif fil-fatt kien sar. Dan l-appuntament inzamm fl-ufficju tas-Sur Cuschieri stess fejn prezenti ghal din il-laqgha kien hemm huwa flimkien mal-klijent tieghu Franco Xuereb u Sonia Ellul. Spjega li huwa stess kien kellem kemm lis-sur Cuschieri kif ukoll lil Sonia Ellul biex jaccerta ruhu fuq dan il-paragrafu numru 3 (a fol. 21), u dawn assigurawh li l-paragrafu 3 li jinsab a fol 21 tal-process mhuwiex minnu. Sonia Ellul kienet qaltlu wkoll li ghal kull appuntament u kull in kontru jinzamm *record* tal-appuntament u qaltlu li ma hux minnu li Marco Xuereb kien cempel ghandhom kif qieghed jigi allegat.

Jghid illi din Sonia Ellul gabet ukoll ir-*records* tal-ufficcju fejn urietu mid-dokumentazzjoni illi dak allegat fil-paragrafu 3 ma kien veru xejn. Jghid illi hu saqsihom humiex lesti jaghmlu affidavit fuq dak li qalu u huma ma sabu l-ebda oggezzjoni. Jikkonferma illi l-affidavits ippreparahom hu, ghalkemm kienu huma li ddettawhom. Dawn kienu gew moqrija lilhom u fejn kien hemm bzonn korrezzjonijiet dawn saru ukoll.

In kontro-ezami jghid illi hu ra personalment il-log tal-calls li Sonia Ellul urietu bhala prova li ma kienx minnu li l-imputa kien cemplilha. Jghid illi dawn il-log tal-calls jirigwardaw l-perjodu in kwistjoni li jirreferi ghalih l-imputat. Il-log calls li saru jinsabu esebita a fol 31 u 32 tal-process u jghid illi fil-fatt dawn gew murija lilu fil-meetings, kopja ta' dawn il-*call logs* ghaddieha wkoll lill-Pulizija. Jghid illi dawn li qed jirreferi ghalihom bhala *logs* huma precizament *records* tal-ufficcju.

**Franco Xuereb** xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru 2010. Spjega illi kien sar rikors fil-Qorti Civili sezzjoni Volontarja minn Marco Xuereb, li gharfu bhala l-imputat fil-Awla. Iikkonferma li dan ir-rikors jinsab esebit fl-atti a fol 20, 21 u 22 u hwua markat bhala DOK NS 7. Kien rikors li huh ghamel biex tigi interdetta ommhom. Jghid li hu ircieva dan ir-rikors fit-3 ta' Gunju 2008 u induna li kien fih hafna irregolaritajiet u affarijiet li ma kienux veri. Jikkonferma li fol 23 sa fol 30 tal-process hija r-risposta tieghu.

B'referenza ghal dak li jghid Mark Xuereb fir-rikors tieghu esebit fl-atti a fol 20 tal-process,u appuntu ghall-ewwel paragrafu fejn hemm imnizzel li wara l-mewt ta' missierhom Saviour Xuereb, ommu kellha xi tghid ma' huh Franco ghaliex dan kien iddeposita il-flejjes parafernali taghha f'kont kongunt f'ismu u f'isem huh Marco minghajr il-kunsens taghha; u li kienu

gew istitwiti proceduri kriminali, jghid illi m'hu veru xejn illi hu kellu xi jghid ma' ommu. Anzi qal li f'dak il-perjodu, ftit jiem wara li miet missieru fil-11 ta' Gunju, 2004, hu kien qieghed jiehu hsieb ommu w anke hadha tghix mieghu. Allura sahaq li dak li hemm allegat dwar il-flejjes parafernali ta' ommu, m'hu minnu xejn.

Rigward it-tielet paragrafu li jinsab a fol 21, fejn hemm allegat li Sonia Ellul qalet lil Maco Xuereb illi huwa (x-xhud) kien talabha sabiex meta jaghlqu l-kontijiet dwar id-depositi ta' flejjes ta' ommhom kellha tibghathom lilu permezz ta' cekk sabiex jara hu fejn dawn jigu investiti, jghid li dan m'hu veru xejn u li mhux veru li hu cempel lil Sonia Ellul u lis-Sur Cuschieri mid-ditta Calamatta & Cuschieri Brokers kif allegat fl-istess paragrafu. Jghid illi in segwitu' hu kien cempel lis-Sur Cuschieri u staqsieh jekk fil-fatt hu qattx kellmu jew b'xi mod ikkuntatjah fuq il-finanzi tal-genituri tieghu u dak qallu li le u ried ikun jaf ghalfejn qieghed isaqsih dawn il-mistoqsijiet.

Jghid illi hu lanqas biss jaf min hi Sonia Ellul u li meta kien kellem lis-sur Cuschieri kien staqsih jekk ghandux xi wahda jisimha Sonia tahdem mieghu u dan kien qallu li iva. Jghid illi hu kien spjegalu li kien ircieva rikors u qralu l-paragrafu li jikkoncerna d-ditta tieghu. Dak il-hin is-Sur Cuschieri qallu li kien ser ikellem lil Sonia u jerga' jkellmu lura. Ix-xhud jghid illi ftit wara Cuschieri rega' cempillu w qallu li Sonia kienet fl-ufficcju tieghu tisma' dak kollu li kienu ser jghidu. Sonia Ellul cahdet b'mod kategoriku dak li kien hemm miktub fil-paragrafu, u emfasizzat li lanqas lilu ma kienet taf. Ix-xhud kien imbaghad avzahhom li kien ser ikellem lill-avukat tieghu u jipprocedi minn hemmhekk. Ix-xhud jghid illi fil-fatt xi zmien wara, kien sar inkontru bejnu u l-Avukat Mark Busuttil, u

Sonia Ellul u s-Sur Cuschieri, u dik kienet l-ewwel darba li kien iltaqa' ma' din Sonia Ellul.

**Franco Xuereb** kompla jixhed fis-sbatax (17) ta' Frar 2012. Ikkonferma illi hu qatt ma ta struzzjonijiet sabiex meta jaghlqu l-flus ta' ommu jibaghtu c-cekk lilu biex jinvestilha flusha hu. Is-Sur Alex Cuschieri kien ikkonfermalu li hu qatt ma kien tkellem mieghu fuq investimenti li kellha ommu Jane Xuereb mad-ditta taghhom. Sonya Ellul ukoll cahdet kategorikament li qatt tkellmet max-xhud.

Jghid illi hu kien talab lil Alex Cuschieri u lil Sonia Ellul jaghmlu affidavit u dawn laqghu t-talba ieghu. Zied li mir-records tal-kumpanija, ma rrizultalhomx li huwa qatt mar ikellimhom fuq il-finanzi tal-genituri tieghu filwaqt li kien jidher li l-imputat kien mar darbtejn jitkellem maghhom u hemm ezebiti notamenti ta' zewg laqghat li saru fl-14 ta' Jannar 2008 u fil-5 ta' Lulju 2007.

Ix-xhud rega' kkonferma d-DOK NS7 a fol 19, 20 u 21 bhala kopja tar-rikors li ghamel Mark Xuereb fejn intalbet l-interdizzjoni ta' ommu. Ikkonferma li d-dokument a fol. 23 sa 29 hija r-risposta tieghu . B'riferenza a fol 31 u 32, ix-xhud qal li dawn huma z-zewg dokumenti li gew murija lilu waqt il-laqgha li huwa kellu ma' Alex Cuschieri u Sonya Ellul, fejn irrizultalu li Marco Xuereb kien mar darbtejn fl-ufficcju ta Calamatta u Cushieri. Tenna li hu qatt ma mar jitlob informazzjoni dwar investimenti tal-genituri tieghu,

Meta mistoqsi jekk ghandux xi kontijiet personali mal-istess ditta, wiegeb li ghandu . Stqarr li gieli mar fl-ufficini ta' Calamatta & Cuschieri, izda mar biex biex jiddiskuti affarijiet personali tieghu, pero' ma kienx jaf jghid

jekk marx fl-istess zmien fejn huh qed jallega li ta dawn l-istruzzjonijiet. Qal li biex iwiegeb din id-domanda irid jara l-file tieghu. Izda rega' emfasizza li qatt ma ddiskuta l-investimenti tal-genituri tieghu. Spjega ulerjorment li meta miet missieru, huwa kien irrinunzja ghall-wirt u ta sehmu kollu mill-wirt lil ommu, u ghalhekk ma kellu l-ebda interess li jiddiskuti l-affarijiet ta' ommu.

Ix-xhud kompla jixhed dwar l-allegazzjoni li ftit jiem wara li miet missieru Saviour Xuereb, ommu kellha kwistjoni serja mieghu dwar flejjes parafernali taghha li gew depozitati f'isimhom it-tnejn cioe' f'isem ix-xhud u ommu. Hawnhekk spjega li missieru Saviour Xuereb miet fl-14 ta' Gunju 2004, u l-flus gew depozitati f'Ottubru, waqt li ommu akkuzatu fid-29 ta' Novembru 2004. Minn dawn l-akkuzi pero kien gie liberat.

Jghid illi kien gie allegat li dawk il-flus kienu parafernali ta' ommu li gew minn bejgh ta' proprjeta' tal-genituri t'ommu, izda jghid li dan mhux minnu w fil-fatt sabiex jispjega dan esebixxa dokument li gie markat bhala DOK FX1.

Ix-xhud esebixxa zewg cekkijiet li gew markati bhala DOK FX1 u DOK FX2, li huma z-zewg cekkijiet in kwistjoni li gew depozitati f'dak l-akkont, wiehed ta' LM1,564.70 li x-xhud jikkonferma li huma t'ommu ghax kienu gejjin mill-wirt, pero' l-iehor ic-cekk numru 2 li kien datat 5 ta' Ottubru 2004 ta' LM700.50 ma kienx ta' ommu parafernali izda kienu hlas lura ta' pagament li missieru kien ghamel.

Ix-xhud ezebixxa dokument iehor li gie markat bhala DOK FX3 li huwa kont li kienu rcevew ommu w ohtha Carmen Cacopardo Mariani biex ihallsu LM1,401 li jigu LM700.50 kull wiehed. Ix-xhud spjega li missieru

kien talbu jaghmel cekk ta' LM700.50 ghal dan il-hlas, u fil-fatt hu hareg cekk tal-BOV numru 273 datat 15 ta' Lulju 2002. Dan huwa ezebit u markat bhala DOK FX4.

DOK FX5 hija rcevuta li nharget f' isem missieru datata 23 ta' Lulju 2002 li missieru hallas bic-cekk 273 l-ammont ta' LM700.50. L-ewwel hargulu l-ewwel parti li kienet *hand written* imbaghad l-ircevuta ufficjali bin-numru 19826 DOK FX5. Dan juri li l-flus ma kienux kollha parafernali.

Ix-xhud irrefera wkoll ghall-procedura pendenti fil-Qorti li kien investigat minn l-ex spettur Kevin Borg. Qal li sfortunatament ommu tbati bid-dimensja, w huh l-imputat dan jafu ghaliex hu kien l-ewwel vittma, li akkuzatu li meta ma kinitx tkun id-dar kien jidhol id-dar u joqghod igerfxilha. Jghid illi f'dak iz-zmien il-marda ta' ommu kienet ghadha fil-bidu u ma kienux jafu x'ghandha.

Jghid illi hu safa t-tieni vittma. Ipprezenta dokument li gie mmarkat bhala DOK FX6**,** li hija s-sentenza mill-Qorti fejn ma nstabx hati w li x-xhieda ta' ommu ma kinitx kredibbli, anke minhabba l-marda tad-dimensja taghha.

Ix-xhud irrefera ghall-paragrafu numru 3, fejn inghad li meta ommu harget mill-Awla intilfet minn sensiha, ittiehdet l-isptar b'ambulanza u hemm allegat li dakinhar huwa kien baqa' ghaddej minn hdejn ommu mitluqa mal-art bhal mejta qisu ma kien hemm hadd mal-art. Ix-xhud jghid li suppost huh Marco jaf min xhiex tbati ommhom, li hija kien ikollha hafna hass hazinijiet u kienet taht kura. Kienet tiehu Ativan tal-1mg u baqghet tiela' sal-5mg. Lanqas quddies ma kienet tmur minhabba f'hekk, u kien imur iqarbinha l-Monsinjur id-dar, ix-xiri kien jaghmilulha hu jew anke missierhom, u meta ommhom kienet issib ruhha fil-magluq man-nies kien

normali li jaghtuha dawn il-hass hazinijiet, u terga' tistejqer wara ftit, qisu xejn ma kien.

Mistoqsi mill-Qorti jekk hux veru li baqa' miexi dak inhar hdejn l-awla jghid li iva baqa’ miexi u dan ghaliex hu ma setax ikellimha.

Rigward ir-raba’ paragrafu dwar dak rapportatat li sehh fil-15 ta’ Awwissu 2007 u cioe’ li ommu Jane Xuereb attakkatu d-dar u in segwitu’ ttiehdet Mount Carmel taht il-kura tal-psikjatra Dr. David Cassar, jghid li d-data biss hija korretta f’din l-allegazzjoni. Qal li ommu qatt ma marret tattakkah id-dar tieghu u hu qatt ma allega dan. Jghid li ommu kienet dizorganizzata minhabba l-mard li kellha, kienet perikoluza anke ghaliha waheda. Ix-xhud spjega li l-incident sehh meta ommu darba minnhom kienet t raqdet ghandu d-dar u attakkat lill-mara tieghu li hija marida. Qal li huh huwa skorrett ukoll fl-isem tal-psikjatra ghaliex meta dahlet ommu l-isptar fil-15 ta' Awwissu 2007, kienet taht il-kura tal-psikjatra Vella Baldacchino, u mhux il-Psikjatra David Cassar, kien biss wara li ommu marret l-*admissions ward* li hu ma kienx kuntent kif bdiet tmur lura b'rata allarmanti, li kien ghamel appuntament mal-psikjatra ' Dr Joe Cassar li kien ghadda l-kaz lil huh il-psikjatra David Cassar minhabba li kien sar il-Ministru tas-Sahha. Ix-xhud esebixxa dokument iehor li gie markat bhala DOK FX 7, li hija rcevuta li huwa hallas meta ha lil ommu biex tiehu parir minghand psikjatra. Ommu dak iz-zmien kellha bidu ta’ dimensja, kienet ghadha kapaci tilbes, tinhasel u tiekol wahedha. Ix-xhud jikkonferma li kienet kapaci taghmel dan ghaliex hekk kienet taghmel meta tmur id-dar tieghu.

Cahad dak allegat fl-ewwel paragrafu tat-tieni pagna fejn jinghad li meta l-imputat kien jghaddi ghal ommu kien isibha mahmuga. Ikkonferma li

minhabba dawn l-allegazzjonijiet ma tahx izjed access ghaliha, anzi spjega li kien jghidlu li biex johodha mill-kustodja tieghu kellu jgib mieghu bniedem kwalifikat biex jeccertifika li tkun f'kundizzjoni tajba.

B'riferenza ghall-paragrafu 4 fejn Marco Xuereb allega li huwa qieghed izomm lil ommu ghandu u jcahhdu milli jgawdi lil ommu, b'mod partikolari minhabba kawza kriminali li kienet ghadha pendenti, jghid illi ma riedx izomm aktar lil ommu u ghamlet xahrejn jew tliet xhur Mount Carmel, u rega' harigha hu stess wara li inghata l-permess u tkellem mas-socjail worker li kien jisimha Michelle Cachia. Kien talab lil Marco Xuereb jghinu jiehu hsieb lil ommhom, billi tghaddi gimgha ghandu u gimgha ghand huh , izda Marco Xuereb ried biss jehdoha s-Sibt f'certu hin wara nofs inhar. Ix-xhud waqaf jiehu hsieb lil ommu meta saru akkuzi fuqu.

In rigward il-paragrafu 2 li ommu kienet harbitlu, ix-xhud jghid li hu ma kellux x'jahbi u kien qal lill-psikjatra u lis-social worker b'dan, pero' jsostni illi ommu kienet harbet imma anke meta kienet Mount Carmel stess fl-*admission ward*.

**Franco Xuereb** rega' xehed fl-ghoxrin (20) ta' Novembru, 2013 u kkonferma dak kollu li kien qal fix-xhieda precedenti tieghu tat-22 ta Settembru 2010.

**Franco Xuereb** rega' xehed fis- sebgha (7) ta' Lulju 2014. Jghid illi qed jesebixxi vera kopja tar-replika li kien ipprezenta Mark Xuereb quddiem il-Qorti Civili Gurisdizzjoni Volontarja immarkata **DOK X.** B'referenza ghat-tieni paragrafu tar-replika, qal li ommu kienet mardet bil-marda ta'

dimensja, u li mhuwiex minnu li huwa f'xi hin approfitta rufu mid-djufija taghha.

Rigward il-flus parafernali ta' ommu qal li diga' pprezenta dokumentazzjoni. Skont ix-xhud ommu kienet mardet minhabba n-nuqqas ta' missieru ghaliex kien miet qabilha u mhux minhabba l-qerq li qed jallega l-istess Marco Xuereb fir-replika tieghu.

Jghid illi missieru ghamel xahrejn l-isptar u hu kien imur jarah kuljum filghodu u darba ohra bejn il-kwarta u n-nofs siegha ta' wara nofsinhar meta ommu kienet tipprepara l-ikel u hu kien johodulu w kien jibqa' hemm sat-tlieta ta' wara nofsinhar. Kien jerga' jmur mis-seba u nofs sad-disgha ta' bil-lejl. Qal li gieli nzerta lill-imputat hdejn missieru f' nofsinhar pero' qatt ma kien johodlu ikel.

Jghid illi hu kien talab *burden sharing,* sahansitra kien anke talab dan lis-social worker Michelle Cachia peress li ommhom kienet mardet, u ghalhekk cahad dak li allega l-imputat fit-tieni paragrafu tat-tieni faccata tar-replika tieghu. Ix-xhud qal li mhux minnu li ma riedx lill- imputat jara lil ommu.

Meta ommu kienet Mount Carmel hi kienet taht il-kustodja tieghu u biex tohrog *on leave* kien ikollu jiffirmalha. Qal li hu qatt ma sab oggezzjoni biex l-imputat johrogha s-Sibt wara nofsinhar. Jghid illi darba minnhom huh kellu jmur jigborha kmieni fil-ghodu ghax missieru kien ser jaghmel operazzjoni, imma baqa' ma marx.

Jghid illi mhux minnu li hu kien qal lil huh li jista' jiehu lil ommu biss jekk igib tabib jew nurse. Sostna li huh kien ghamel rapport falz lis-social

worker meta qal li hu kien qed itih lil ommhom fi stat deterjorat. Ghalhekk huwa ried jipprotegi lilu nnifsu u qal lil huh biex jiehu lil xi hadd kwalifikat biex jiccertifika f'liema stat kien qieghed jaghtih lill-ommu. Kien ghamel din it-talba bhala prekawzjoni. Mhux minnu li Dr Cassar kien hareg mill-laqgha minhabba x-xhud. Kien Marco Xuereb li kien jinsisti li jaqflu lil ommhom go home, izda hu wiegbu li ma kienx jaqbel mieghu u kien lest isib bieb tal-hadid biex jipprotegi lil ommu. It-tabib kien qal lil huh li jmissu jiringrazzjah talli lest jiehu hsieb l-ommhom. L-imputat kien ukoll beda proceduri ta' interdizzjoni. Meta l-imputat baqa' jinsisti biex ommhom tinghalaq, it-tabib qal li ma kellux hin x'jahli ma' bniedem bhalu u kien ghalhekk telaq 'il barra.

Jghid illi huwa minnu li ommu kienet harbet meta din kienet fil-kustodja tieghu izda din kienet ghamlitha wkoll meta kienet l-isptar Mount Carmel, u dan waqt li kienet fl-*Admission Ward,* in fatti kellhom jaghmlulha libsa biex tigi rikonoxxuta bhala pazjenta. Fir-rikors ta' interdizzjoni kien ukoll tqabbad il-psikjatra Dr. George Debono li kien mar jaraha d-dar tieghu u sa dak iz-zmien ommu kienet ghadha timxi.

Meta ommu kienet staqsietu dan min kien, hu kien qalilha li binha z-zghir jixtieq jaqfilha, u hi qaltlu li hemm kienet kuntenta. Il-psikjatra qal li ma kienx mar hemm biex jaqfilha izda biss biex jezaminha u jaghmel rapport. Pero' x-xhud kien qal lit-tabib li huh ried li jpoggi lil ommhom fil-home.

Jghid illi fis-sena 2010 ma kienu ittiehdu ebda proceduri minn huh fil-konfront ta' Calamatta and Cuschieri. Ix-xhud jghid li meta nfetah il-kont bankarju d-*deposit slips* tal-bank ufficcjali kienu ghandha minn dejjem u mhux kif qieghed jigi allegat f'din ir-replika. Meta miet missieru, jghid li kien qal lil ommu li l-funeral kellhom ihallsuh hu u l-imputat, pero' ommu

kienet qaltlu li huh ma kienx lest ihallas sehmu mill-funeral ta' missieru u ghalhekk kien hallsu kollu hu u dan biex ma toqghodx jinkwieta l-ommu. Kien ukoll irrinunzja ghall-wirt ta' missieru biex tah lil ommu.

Rigward il-bejgh tal-karozza x-xhud jghid li kien l-imputat li kien cempel lill- avukat tieghu u qallu li kien sab il-bejgh ta' xi €750 jew €800. Dr. Busuttil kien informa lilu w hu kien qallu biex jaghti l-go ahead lil huh, izda ma kien sema' xejn aktar dwar il-bejgh tal-karozza u nbieghet fl-eventwalita'.

**Franco Xuereb** xehed in kontro-ezami fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu 2015. Jghid li jaf fuq x'hiex inhu akkuzat l-imputat u jaqbel illi l-akkuza kienet inharget wara r-rapport li hu kien ghamel lill-Pulizija. Jghid li bbaza r-rapport tieghu fuq il-gurament falz (a bazi tad-dokument fl-atti fol 19) li kien ghamel huh u jifforma parti mill-ittra tieghu u jghid li hemm rikors iehor li fih xi inezattezzi. Jghid li dan ir-rikors jinsab fl-atti 74 u 75 u li gie prezentat fi 6 ta' April 2008 fir-registru tal-Qorti. Jghid illi ir-rikorsi esebiti fil-fol 74 u fol 19 huma l-istess wiehed. Jghid li hemm rikors iehor a fol 82 tal-process u dan kien gie pprezentat fi 29 ta' Awwissu.

Jghid illi b'referenza ghall-ewwel paragrafu tar-rikors esebit fl-atti fol 19 u ghat-tieni paragrafu, huwa minnu li huwa kien fetah kont konguntiv pero' mhux minnu li gew trasferiti fih assi parafernali t'ommu. Jghid ukoll li tali kont kien infetah bl-approvazzjoni t'ommu llum mejta u li ommu kienet ghamlet rapport lill-Pulizija dwar l-istess kont fil-konfront tieghu.

Jghid li huwa minnu li huwa kien ghadda proceduri Kriminali a bazi tar-rapport li ommu kienet ghamlet fil-konfronti tieghu. Jghid li l-kaz infetah mill-ex spettur Kevin Borgk, fil-fehma tieghu minghajr investigazzjoni, u

jghid dan a bazi ta’ xhieda li kien ta’ l-istess ex spettur fit-18 ta’ Marzu 2008 fejn qal li kien mexa fuq ir-rapport ta’ Dr. Ruth Scott.

Jghid li Jane Xuereb darba minnhon kienet prezenti fl-Awla u hassha hazin u baqa' ghaddej. Dan b’riferenza ghal paragrafu 3 tar-rikors a fol 19. Jghid li huwa m’ghamilx rapport lill-Pulizija. Jghid li ommu kienet ghandu fil-15 t’Awissu 2007, izda m’ghamel l-ebda rapport lill-Pulizija dwar aggressjoni, fis-sens meta ommu hebbet ghall-mara tieghu. Jghid illi f’dik l-okkazzjoni huwa cempel lill-Pulizija biex jitlob l-assistenza minhabba li ommu kienet aggressiva tant li kien anke mar it-tabib li konsegwentement baghatha l-isptar Monte Carmeli. Jghid li kienet it-tifla tieghu li cemplet ghall-ghajnuna, jigifieri lill-Pulizija tal-Imsida.

Jghid li hu m’huwiex fil-posizzjoni li jikkonferma illi huh kien jiehu hsieb lil-ommu qabel il 15 t’Awwissu 2007. Jghid illi dak iz-zmien hu ma kellux kuntatti m’ommu u ghalhekk ma setax jikkummenta fuq min kien jiehu hsiebha u lanqas jekk effetivament huh kienx jiehu lil ommu granet ghandu s-Sibt meta ommu kienet rikoverata l-isptar Monte Carmeli. Jghid li f’Dicembru 2007 huwa kien offra sabiex jiehu hsieb ommu. Jghid li huh kien jigbor lil ommu minghandu kull nhar ta’ Sibt.

Jghid li jixtieq jissotolinja li meta ommu kienet l-isptar Monte Carmeli u kienet tigi *released on leave* ghandu, kien jiffirmha ghaliha hu u meta dan kien jigri huwa kien jaghti access lil huh ghal ommu kull nhar ta’ Sibt. Jghid li jaf b’darba meta ommu kienet cemplet Social worker u kienet qaltlu li Marco Xuereb kien allega li huma (il-familja ta' Franco Xuereb) ma kienux qeghdin jaghtu lil ommhom lil Marco Xuereb f’kundizzjoni tajba u ghalhekk a bazi ta’ dan ir-rapport waqqaf l-access t’ommu lil huh. Jghid li minflok kien issugerixxa li xorta huh seta’ jehodha purche’ jgib

persuna idonea sabiex ticcertifika li huwa kien qed jghaddi lil ommu fi stat tajjeb u jghid li dan sehh xahrejn qabel ma gie pprezentat ir-rikors a fol 19.

Jghid li sa fejn jaf hu, huwa kien ghamel din il-proposta fl-24 ta' April f'laqgha li saret f' Monte Carmeli fejn kienu prezenti hu, l-imputat u martu, Dr David Cassar u s-social worker Michelle.

Jghid li minn dakinhar 'il quddiem hu ma riedx li huh jiehu l-ommu bla ma jgib dan il-professjonist u dan biex ix-xhud jipprotegi r-reputazzjoni tieghu. Jghid li fiz-zmien meta pprezenta r-rikors, ommu kienet ghadha kapaci tinhasel u tiekol waheda u kienet ukoll tiekol ikel normali u ma kenitx inkontinenti. Jghid li pero' maz-zmien bdiet tiddeterjora u spiccat ukoll inkontinenti, sahansitra tiehu ilma bit-thickener, kienet *bed ridden* u spiccat ma titkellimx. Pero' meta spiccat inkontinenti ma jafx.

Jghid li ommu mietet fil-10 ta' Novembru ta 2010. Jghid li ommu ghexiet mieghu tliet snin u wara sentejn is-sahha fizika taghha naqset hafna u ma baqghatx tiekol u spiccat inkontineti. Jiftakar li darba kien ipparkja Birkirara fi Triq il-Kbira, *one way street* vicin il-hanut ta' Mrs Balzan fejn kien xoghol u kien hareg lil ommu passiggata mieghu. Qal li dakinhar ommu harget mill-karozza u marret hdejn il-hanut hdejh ghalkemm ma jafx jekk qasmitx t-triq. Jikkonferma li darba minnhom ommu kienet harbitlu mid-dar u dan kien qalu lis-social worker u kien sahansitra kien ikkonferma ukoll dan fil-laqgha li kellhom f'April.

Jghid li meta kellu lil ommu d-dar, kuljum kienet tinqala' xi haga gdida. Jghid li l-genituri tieghu kellhom investiment ma' Calamatta u Cuschieri pero' hu qatt ma kien involut fih. Jiddikjara li qatt ma staqsa informazzjoni

dwar dan il-kont, la meta kien se jaghlaq jew jimmatura u ma kien jaf xejn dwaru, lanqas meta jithallsu l-interessi fuqu.

Wara li gie muri dokument Z esbit fl-atti, jghid li huwa dokument mahrug minn Calamatta u Cuschieri liema dokument ma ghandu xejn x'jaqsam mal-kont li kien infetah wara li kien miet missieru. Jghid li dan huwa kont li l-genituri tieghu kellhom qabel ma miet missieru u ghalhekk ic-cekk li kien jircievi missieru *in sterling* kien imbaghad beda johrog f'ismu bl-approvazzjoni ta' missieru stess.

Jghid li originarjament missieru kellu kont wiehed ma' Calamatta u Cuschieri, skond dokument Z. Jghid li wara li kien miet missieru jaf li kien infetah kont iehor, izda hu ma kienx involut fil-ftuh tat-tieni kont. Jghid li hu qatt ma kellu xejn x'jaqsam mal-investiment ta' Calamatta u Cuschieri jigifieri ma kellux x'jaqsam mat-tieni kont li infetah wara l-mewt ta' missieru. Jghid li ma kienx jaf li l-kont infetah fuq Jane Xuereb u l-ahwa Xuereb. Sahaq li ma kienx involut fih u lanqas biss jaf li kien inkluz fih. Rega' tenna li ma kienx jaf li kien involut f'xi kont ma' Calamatta u Cuschieri. Zied li wara li kien sar rikors fejn kienet issemiet Sonia Ellul, kien cempel lil Alex Cuschieri u ghamillu referenza ghall-korrispondenza li kien ircieva. Cahad li kien cempel lil Sonia Ellul biex jghidilha dwar dan il-kont. Jghid li telefonati minghand Calamatta u Cuschieri dwar il-kont t'ommu qatt ma rcieva. Jghid li ma kienx jaf li kien hemm kont u konsegwentement qatt ma ta jew seta' jaghti struzzjonijiet dwaru.

Jikkonferma illi permezz ta' dokument Z1, Dr. Mark Busuttil ghan-nom tieghu kien kiteb lill-imputat. Kompla jghid li meta gew biex jifdu c-cens ommu ma kinitx f'posizjoni li tiffirma w kienu qalulu li biex ma tiffirmax ommu kellha tigi interdetta, izda hu ma qabilx ma' dan u ghalhekk kien

ghamel rikors fil-Qorti Volontarja sabiex hu u huh jihdru ghan-nom t'ommhom biex jiffirmaw ghan-nom taghha fir-rgiward il-fidi ta' cens.

Jirreferi ghac-cekk li kien inhareg mill-BOV fuq struzzjonijiet tieghu u ta' huh l-imputat u kkonferma li fuqu hemm il-firem tieghu u ta' huh l-imputat. Tali cekk ikopri l-fidi ta' cens. Sussegwentement kien inghata digriet mill-Qorti tal-Gurisdizzjoni Volontarja fejn gie ordnat li kemm hu u huh setghu jidhru fuq affarijiet in konnessjoni ma' dan il-fidi ta' cens u dan kif jidher f'dokument Z2. Jghid li dan ic-cekk esebit u markat bhala **dok Z1** hareg fuq istruzzjonijiet tieghu bil-kunsens ta' huh. Jghid li ghalkemm huwa rrinunzja ghall-wirt ta' missieru, xorta wahda kien kompartecipi fil-fidi ta' cens tal-propjeta' ta' missieru. Madanakollu qal li mhux fil-posizzoni li jwiegeb jekk il-kontijiet bankarji ta' missieru gewx trasferiti f'ismu u f'isem hutu. Obbliga ruhu li jesebixxi kopja tar-rinunzja tal-wirt ta' missieru fis-seduta li jmiss.

**Franco Xuereb** rega' xehed fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' April, 2015. Jghid illi meta kienu qeghdin jaghmlu *causa mortis* ta'missieru, kien qal lin-Nutar li xtaq jirriununzja ghall-wirt tieghu. Cio' nonostante sar jaf li n-Nutar ma ghamilx il-procedura ghar-rinunzja tal-wirt. Dan sar jafu minn telefonata li rcieva fejn kien intalab jaghti l-firma tieghu. Jghid li mar il-BOV l-Imsida biex jara x'kien hemm bzonn u nfurmawh li biex isir ir-rilaxx kellhom bzonn il-firma tieghu. Meta nfurmahom li hu ried jirrinunzja ghall-wirt, instab li ma giet prezentata l-ebda rinunzja min-Nutar.

Jghid li Dr. Mark Busuttil kien baghat ittra datata 21 ta' Dicembru 2004 lill-Ufficcju Legali, fejn kien qallilhom bix-xewqa tal-klijent ieghu li jirrinunzja ghall-wirt. Ix-xhud ezebixxa kopja ta' din l-ittra immarkata mill-

Qorti bhala CSH. Jghid li fid-19 ta' Jannar 2005 kien ircieva minghand Dr. Ruth Scott li ommu kienet qed takkuzah li hadilha xi flus. Huwa esibixxa dokument li gie markat bhala dok CSH1. Jghid li baghat ittra fil-25 ta' Jannar 2005 fejn irtira r-rinunzja tieghu u ghalhekk hu kien werriet. Ix-xhud jikkonferma li qatt ma pprezenta nota ta' rinunzja fil-Qorti Volontarja dwar ir-rinunzja ghall-wirt ta' missieru.

B'referenza ghar-rikors li jinsab fl-atti, Digriet numru 207/2010 a fol. 188, qal li hemm referenza ghal dokument immarkat bhala dokument A li ma giex inkorporat u ghalhekk esebixxa dokument A1, li huwa rapport peritali tal-proprjeta' 106, Valley Road, Msida.

**Alex Cuschieri** xehed fis-sittax (16) ta' Ottubru, 2012, u stqarr li hu Stockbroker u prezentement Direttur ta' Calamatta and Cuschieri Company Limited. Ix-xhud ikkonferma li kien irrilaxxja stqarrija rigward kwistjoni li nqalghet bejn l-ahwa Marco u Franco Xuereb, li gharafhom prezenti fl-awla.

Iddikjara li hu qatt ma ta informazzjoni jew ircieva struzzjonijiet minghand Franco Xuereb dwar il-kontijiet tal-genituri tieghu, anzi qal li qatt ma kellu kuntatt mieghu dwar dan l-aspett. Zied li mir-records taghhom jirrizulta li Marco Xuereb kien staqsa lill-kollega tieghu Sonia Aquilina, kemm bit-telefon u kemm verbalment, dwar il-kontijiet. Qal li kellu kull dritt jaghmel hekk. Ix-xhud qal li hu kien specifika li c-cekkijiet dejjem inhargu f'isem omm Marco u Franco Xuereb, cioe' Jane Xuereb u li ma kien hemm l-ebda investiment li ntmess jew li sar minghajr il-kunsens taz-zewg partijiet. Spjega li wara li kien miet missierhom il-kont kien inqasam 50-

50 jigifieri li kien legalment 50% tal-omm u 50% ugwali bejn Marco u Franco u kull struzzjoni riedet tohrog bil-kunsens taz-zewg partijiet.

Jghid illi peress li l-omm kienet tbati bid-dimensja, kif kien gie indikat mill-ahwa Xuereb, kellhom istruzzjonijiet biex jibqghu jakkumulaw l-imghax fuq il-kont taghha minghajr ma johorgu cekkijiet.

Jikkonferma wkoll li kien ghamel affidavit u cioe dak esebit a fol 33 u markat bhala **DOK NS7**, fejn ix-xhud kien iddikjara li kien hemm investimenti f'isem il-genituri tal-ahwa u kkonferma li Franco Xuereb ma kienx mar l-ufficcju jistaqsi fuq xi investiment li kellu u li qatt ma kien ha istruzzjonijiet minghandu. Kien iddikjara ukoll li mir-records taghhom kien hemm illogjat li Marco Xuereb kien mar ghandhom '*to enquire about his parents account'* fil- 5 ta' Lulju 2007, fejn talab xi dettalji tal-kont. Ix-xhud jghid li fil-fatt kien Franco Xuereb li kien ghamel xi *enquires* fuq il-kont.

Jghid illi peress li kien hemm proceduri kriminali bil-fors kellu jkellem lil Sonia Aquilina, pero' ma kienx jaf li kien hemm din il-litigazzjoni. Kellimha diversi drabi biex jivverifika l-fatti, hareg *statements* tal-kont, hareg noti mill-file biex johrog il-verita' fuq min kien qed jaghtihom l-awtorizzazzjoni.

Ix-xhud jghid li Sonia Aquilina kienet ikkonfermatlu li ma' Franco Xuereb qatt ma kellha kuntatt, izda kellha kuntatt biss ma' Marco Xuereb u l-mara tieghu kemm permezz tat-telephone kif ukoll personali. Zied jghid li Aquilina qatt ma hadet struzzjonijiet minghand Franco Xuereb.

Mistoqsi kif jinzammu records wiegeb illi sakemm ikun appuntament ta' rutina mal-investitur, ma jkun hemm l-ebda log, pero' dwar affarijiet

tangibbli huma ghandhom sistema fejn jaghmlu noti, w dan anke fl-eventwalita' li jekk jitlaq l-*advisor* min jigi wara jkun jaf x'gara u ma garax. Ix-xhud jghid li f'dan il-kaz partikolari, in-noti kienu kollha jirrigwardaw il-kont tal-genituri, min gie, x'enquiries kien hemm, x'azzjoni ttiehdet wara l-mewt ta' missier l-ahwa Xuereb. Ma kien hemm ebda riferenza ghal investiment.

Jghid illi t-*telephone calls* huma rekordjati u l-*advisors* ghandhom istruzzjonijiet biex jillogjaw certu kummenti. Fol 31 u 32 juru zewg *logs* wahda ta' Sonia u l-ohra li ittiehdet minnu stess. Dawn saru xi sitta jew seba' xhur 'il boghod minn xulxin. Spjega li hu kien ghamel nota (fol. 31) dwar Mark Xuereb li tghid '*Called to enquire about account there are two brothers Marco and Franco and both have 50% of holding. On redemption of their holding care not to pay Mrs Xuereb but to contact both parties to distribute or reinvest according to what to their will.*' Hemm ukoll l-ID Card ta' Marco Xuereb li kien mar hu.

Ix-xhud rega' tenna li huma kienu gew avzati li missier l-ahwa Xuereb gie nieqes u Calamatta and Cuschieri kienu qasmu l-kont 50% f'isem Jane Xuereb u 50% bejn iz-zewg ahwa.

B'riferenza a fol 32, ix-xhud jghid li hemm in-nota li kienet ghamlet Sonia Ellul, '*she has serious dementia do not send interest cheques at home refer to Alex Cuschieri or Sonia'*. Jghid illi hu kellu lil Franco taht il-gwida tieghu u Sonia kellha lil Marco u kkonferma li hu u Sonia Ellul biss kellhom access ghal dan il-kont. Spjega li din kienet semplicement nota fejn gew avzati li Jane Xuereb kienet qed tbati mid-dimensja.

Jikkonferma ukoll illi dawn il-kopji a fol 31 u 32 huma awtentitci, datati sebgha ta Lulju 2008. Il-kopji ghamluhom bhala *screen shot*, u kien hu li awtentikahom.

Jghid illi x'aktarx kien hemm xi ittra legali pero' ma jiftakarx *per se*. Meta gie muri l-ittra datata 23 ta' Awwissu 2008, indirizzata lil Alex Calamatta u lil Sonia Ellul, mibghuta mill-Avukat Ruth Scott, ix-xhud jghid illi jiftakarha. Jghid illi huwa Alex Cuschieri u li kien hemm Alfred Calamatta. Ix-xhud ikkummenta li fl-ittra kien hemm *statements* li ma kienux veri. Jghid illi r-reazjoni tieghu kienet li jirribattiha u kien irribattiha permezz tal-affidavit. Jiftakar pero' li kien ikkonsulta ma l-avukat Roderick Zammit Pace. Jghid li ma jsibx problema jesibixxi kopja tal-ittra li kien ipprepara l-Avukat Zammit Pace, darba ohra.

In Kontro Ezami, ix-xhud ikkonferma li kien hemm diversi accounts, kien hemm accounts li huma f'isem Franco Xuereb biss, ohrajn fuq Marco Xuereb biss u ohrajn bhala eredi tal-genituri taghhom. Jghid illi meta miet il-missier il-kont inqaleb fuq l-omm u t-tfal, u l-kont fil-fatt kien *'the estate of the late'*. Stqarr pero' li sakemm waslet id-dokumentazzjoni necessarja l-kont kien inqaleb biss f'isem l-omm u l-interessi mill-investimenti kienu jintbaghtu lilha fl-indirizz taghha, izda nnutaw li ma kinux qed jissarrfu. Cahad li kien hemm perjodu meta ntbaghtu lil Franco Xuereb.

Jikkonferma li Marco Xuereb qatt ma kien mar ikellmu ghaliex ma kellux ghalfejn ikellmu, u li kien gharfu ghax rah darba l-ufficcju wara li kellem lil Sonia Ellul, izda ma kienx f'pozizzjoni li jaghti dati. Jghid li kien normali li Marco Xuereb ikellem lil Sonia Ellul ghaliex kienet tiehu hsiebu hi. Ix-xhud jghid li Marco Xuereb huwa l-klijent ta' Calamatta Cuschieri, u

li l-klijenti hu jkun jafhom *by sight*, izda jghid li hu qatt ma ha hsieb affarijiet ta' Marco Xuereb.

Jghid illi jista' jkun li Sonia kienet marret ghandu w qaltlu biex ic-cekkijiet jiefqu milli jibqghu jintbaghtu, izda ghandhom jigu diskussi bejn l-ahwa. Qal li kull meta jmut xi hadd il-kont jigi blokkjat.

Jghid illi l-log a fol 31, datat 25 ta' Lulju, kitibha hu, u dana peress li meta l-istruzzjoni tkun *blocking of the account*, irid ikun hemm direttur li jillogjah. Rigward il-log fejn hemm imnizzel li kien cempel Mark Xuereb qal li t-telefonata ta' Mark Xuereb saret lil Sonia Ellul, ghaliex hu ma kienx kellem lil Mark Xuereb personali. Hu kien ibblokka l-kont ghaliex mexa fuq it-testment. Ix-xhud innega kompletament li kien hemm talba da parti ta' Franco Xuereb li qal lil Sonia Ellul biex tibghatlu l-flus biex jinvestihom hu u li din imbaghad marret tghid lilu b'dan.

**Alex Cushieri** kompla jixhed fis-sittiax (16) ta' Ottubru 2012. Mistoqsi dwar l-ittra datata 23 ta' Awwissu 2008 tal-Avukat Ruth Scott, u cioe' l-parti li tghid '*dak il-hin stess int gharraft lis-Sur Alex Cushieri dejjem fil-prezenza tal-klijent tieghi din il-konversazzjoni li kellek mas-Sur Cushieri'*. Jghid li din tirreferi ghal Mrs. Aquilina. Jghid li m'ghandux amment dwar din il-konversazzjoni w lanqas m'ghandu l-ebda dokumentazzjoni.

Jghid illi haga bhal din hija essenzjali u li kull meta jkun hemm xi istruzzjoni mhux normali wiehed mid-diretturi jrid jirrekordjaha. Biex jigi bblukkat kont irid jidhol direttur. Jghid illi illum il-procedura inbidlet ghaliex ghandhom avukat u allura d-direttur m'ghadux jidhol fiha. Izda qabel hekk kienet tahdem. Qabel kellhom avukat lil Dr. Roderick Zammit

Pace li kienu jikkonsultaw biss f'interpretazzjoni ta' testment jew xi haga partikolari.

Ix-xhud, fir- rigward l-ittra li kien baghat Dr. Roderick Zammit Pace f’isem Calamatta and Cuschieri din intbghatet fit-2 ta' Settembru 2008. Din l-ittra nbaghtet fuq istruzzjonijiet ta’ Calamatta Cushieri bi twegiba ghall-ittra li kienet inbaghtet minn Dr.Scott datata 23 ta' Awwissu, fejn kien hemm *statements* li ma kienux veri, u ghalhekk l-ittra ta' Dr Zammit Pace hija riflessjoni tal-pozizzjoni tal-kumpanija Calamatta and Cuschieri.

**Alex Cuschieri rega’** xehed fit-23 ta’April 2015 u kkonferma li ma kienx il-manager tal-kont f’isem Franco Xuereb, Mark Xuereb u Jane Xuereb. Jghid li safejn jiftakar hu kien is-sur Calamatta kien ha hsiebu originarjament, pero’ llum dan huwa rtirat. Gie muri l-*caution* fl-atti a fol 32 u jghid li dak iz-zmien bhala direttur huwa kellu l-awtorita’ biex jawtorizza *caution* fuq il-kont u kien gie avzat li Jane Xuereb kellha d-dimensja. Jghid li dimensja hu kaz serju u ghalhekk kellhom johorgu *caution*. Jghid li safejn jaf huwa meta rtira s-sur Calamatta l-account manager kienet Sonia Aquilina. Iddikjara li hu qatt ma kien l-account holder ta’ Salvu w Jane Xuereb, anzi kompla jghid li ma jafhomx u qatt ma rahom u dan minkejja li l-kont kien desinjat f’ismu.

Jghid li s-sur Calamatta fil-fatt irtira fis-sena 2007 jew 2008 u kien ukoll *on reduced hours*. Jghid li fis-snin 2007-2008 hu ma kienx responabbli ta’ dan il-file. Jghid li *remittance advices* johorgu *back office* b’mod awtomatiku. Jghid illi min ikollu dak it-tip ta’investiment jircievi cirukulari minghandhom pero’ huma ma jkollhomx *records* ta’ dan. Jghid li llum il-gurnata m’hemmx kont f’isem Jane Xuereb, Marco Xuereb u Franco Xuereb ghaliex il-kont inghalaq.

Jghid li f'Novembru 2013, Kurt Agius kien ircieva struzzjonijiet minghand Franco Xuereb, fejn il-kont li kien f'isem Franco Xuereb, Marco Xuereb u Jane Xuereb jigi diviz f'zewg kontijiet ugwali bejn Franco Xuereb u Marco Xuereb. Zied li dakinhar Agius kien ikkonsulta ma' Keith Farrugia li kien il-Compliance Officer ta' Calamatta and Cuschieri f'dak iz-zmien.

Gie mistoqsi kif hareg il-*blockage* in kwistjoni esebit fl-atti 32, u qal li llum il-gurnata nesa u ma jiftakarx ic-cirkostanzi, pero' ftakar li in segwitu' li hargu dik il-*blockage* kien tkellem ma' Franco Xuereb u dan kien qallu li ommu kellha demenzja gravi u li kien qed jiehu hsiebha hu. Spjega li pero' tkellmu f'termini generali, u jghid li hu ma ha l-ebda azzjoni fuq dan il-kont. Jghid li safejn jaf hu Sonia Aquilina kellmet lil Marco Xuereb u mhux lil Franco Xuereb in konnessjoni ma' dik il-blockage. Jikkonferma li hu kien kellem lil Sonia meta hareg dak il-blockage. Jikkonferma li dakinhar kien hemm xi haga li geghlet lil Sonia tkellmu dwaru.

Gie muri d-dokument immarkat ST1 esebit fl-atti u gie mistoqsi ghaliex id-dokument li nhareg minghandhom hareg biss f'isem Franco Xuereb u Jane Xuereb minkejja li kien hemm dik il-*caution.* Dwar dan wiegeb illi fir-*remmitance note* m'hemmx spazju ghal tliet ismijiet u ghalhekk hargu dawn iz-zewg ismijiet. Spjega li hija biss kwistjoni ta' sistema u li din hija *remittance note* biss mhux *contract note*. Jghid li il-*contract note* tkun harget fuq tliet isimijiet cioe' fuq Marco Xuereb, Franco Xuereb u Jane Xuereb u dan kien esebit seduta stante fid-19 ta' Frar 2008 u markat bhala dokument Z.

Mistoqsi jekk f'kaz li Calamatta and Cuschieri jircievu xi komunikazzjoni minghand Marco Xuereb jghadduhiex lil Franco Xuereb, ix-xhud qal li dan

jiddependi fuq ic-cirkostanzi. Jghid li jekk il-komunikazzjoni tkun fuq kont li jirrigwarda lil Franco, Marco u Jane Xuereb, hu jibaghatha. Jghid li mhux necessarjament jghaddihielhom pero' jkunu jafu dwarha. Jghid li jekk xi informazzjoni tkun tirrigwarda kont intestat fuq tlieta, hu ma jistghax jimxi fuq struzzjoni ta’parti wahda u ghalhekk l-ohrajn jigu infurmati.

Ix-xhud gie muri d-dokument esebit fl-atti markat bhala dokument ST2 li hija ittra mibghuta minn Dr Mark Busuttil lill-imputat Marco Xuereb u lil Dr Ruth Scott u li maghha hemm ittra indirizzata lin-Nutar Marco Burlo’ ghan-nom tal-imputat lil Calamatta Cuschieri. Jghid li dawn iz-zewg ittri hu qatt ma rahom u normalment ittra bhal din tmur ghand il-*compliance officer* li dak iz-zmien kien Keith Farrugia. Jghid li il-Compliance Unit fil-kumpanija hija l-iktar dipartiment importanti u krucjali u ghalhekk jigu fuq id-diretturi stess fid-decizjonijiet taghhom. Jghid li ma jirrizultax li effetivament inghatat xi informazzjoni lil Franco Xuereb li rcevew minn Marco Xuereb u ghaddewha lil Marco Xuereb.

**Sonia Aquilina** xehdet fis-sittax (16) ta’ Ottubru, 2012. Tghid illi hi tahdem ma' Calmatta and Cuschieri bhala Investment Advisor u ilha tahdem hemmhekk minn Jannar 2001. Tiftakar li kien kellimha l-avukat Busuttil, fuq il-kont ta’ Giovanna, Mark u Franco Xuereb. Tghid illi l-kwistjoni kienet dwar flus fl-akkont fil-Columbia, li kienu ser jaghlqu fi Frar 2008 u dwar *reinvestment of proceeds*. Qalet li l-kont isejjah lil tlieta min-nies, fejn hemm nofs tal-omm ghax kien wirt u n-nofs l-iehor bejn l-ahwa. Tghid li l-advisor tal-kont huwa l-boss taghha Alex Cuschieri.

Tghid illi fl-awla prezenti hi qieghda tgharaf lil Marco u anke lil Franco. Tghid illi hi kienet ghamlet affidavit a fol 34 u cioe' Dok NS7, u

kkonfermat il-kontenut tieghu fis-sens li hi taf lil Marco u lil martu Josette, li ma kenitx prezenti fl-awla. Ix-xhud tghid li Marco Xuereb qatt ma kien mar l-ufficcju biex ikellimha fuq l-assi tal-genituri tieghu. Ipprecizat li dwar l-assi, l-kont huwa fuq l-omm, Franco u Marco, ghax il-missier kien miet.

Tghid illi taf li apparti li l-missier kien miet, l-omm kienet tbati bid-dimensja tant li hallew il-flus fl-akkont fejn ghadhom sallum, u li l-kont kien gie ibblukkjat mid-direttur.

B'riferenza ghal fol 35, ix-xhud tispjega li dan huwa l-profile ta' min ghandu kont ma' Calamatta and Cuschieri. B’relazzjoni ma’ din il-kwistjoni jirrizulta li l-kont issejjah lil Xuereb Jane, Franco u Marco. Hemm ukoll indikat min hu l-Advisor u l-Manager u li huwa *joint individual account*, u hemm ukoll l-indirizz taghhom personali.

B'riferenza ghal fol 31, ix-xhud tghid li dan huwa l-ahhar bicca tal-kont cioe[ *final note* jew *cautions,* ghaliex dan fih hafna partijiet. Tghid illi hi kienet ghamlet caution fuq dan l-account f'Jannar 2008, u li kulhadd seta' jaghmilha din mhux id-direttur biss. Tispjega li din il-*caution* issir wara li jkunu jafu li hemm xi haga fuq klijent jew ikun hemm xi inkwiet. Tghid li din il-caution kienet ghamlitha wara li Marco Xuereb kien infurmaha li Jane Xuereb ghandha d-dimensja. Hi hasset li hu kellu dritt jghidilha dan ghaliex huwa *account holder*.

Ix-xhud tghid li din kienet it-tieni *caution* li saret fil-5 ta' Lulju 2007. Tghid li l-ewwel *caution* saret qabel, meta miet Saviour Xuereb u kien mar Mark Xuereb li kien isaqsi fuq il-kont, kif kellu dritt jaghmel peress li kien wiehed mill-*account holders*.

B'riferenza ghan-noti qalet li '*Mark Xuereb called to enquire about the account. There are two brothers Marco and Franco and both have 50% of the holding. On redemption of the holding care not to pay Mrs Xuereb but to contact all parties to distribute or reinvest according to the will held on file.'* Tghid li wara kitbu lil Marco Xuereb u kitbu n-numru li kien tahom, u li kien qalilhom li Calamatta and Cuschieri m'ghandhomx johorgu l-flus la lil Jane, la lil Franco u lanqas lilu. Qalet li dan tghidu milli tista' tifhem ghaliex in-nota ghamilha s-Sur Cuschieri.

Ix-xhud tghid li f'Jannar 2008 kienet ghamlet in-nota hi peress li hi kienet taqdi lil Marco u Josette Xuereb. Qalet li ghalhekk probabilment kienu huma li qalulha li Jane Xuereb tbati mid-demensja. Tghid li lil Franco Xuereb qatt ma kellmitu u saret tafu minn din il-kwistjoni, u li l-ewwel darba mar l-ufficcju taghhom fis-sena 2008, u kienet tarah fir-*reception.*

B'riferenza ghal fol 32, tghid li n-nota hija '*she has serious dementia do not send interest cheques at home refer to Alex Cuschieri or Sandra*.' Tghid illi l-klijent ikun kellem lilha imma billi l-kont kien isejjah lill-Account Manager Alex Cuschieri, kellha tghid li kellha ssir referenza lil Account Manager, u hi ma tistax tiehu decizjoni ghaliex fl-ahhar mill-ahhar id-decizjoni ahharija jiehodha d-Direttur.

Ix-xhud tikkonferma li l-flus kollha ghadhom fl-akkont, u li hemm imghaxijiet. Tikkonferma li l-firma fuq fol 31 u 32 hija ta' Alex Cuschieri, u li hadd ma jista' jidhol fis-sistema taghhom sakemm ma jkollux password.

Meta giet murija ittra li kienet indirizzata lilha, qalet li ma tiftakarx li kienet ratha, peress li ghaddew aktar minn erba' snin, pero' ma teskludix il-fatt. Tghid li la hija indirizzata lilha, aktarx li tkun ratha. Taf li hija w Alex Cuschieri kienu ghamlu zewg affidavits. Hi ma kienet ikkonsultat l-ebda avukat pero' ma tistax titkellem ghal Alex Cushieri. Tghid li l-Avukat Zammit Pace huwa l-avukat li jaghmel il-*compliance courses* tal-kumpanija. Ix-xhud tghid li Alex Cuschieri ha hsieb din il-kwistjoni u hi qatt ma kienet iltaqghat jew kellha kuntatt mas-Sinjura Xuereb, u l-unika kuntatt li kellha ma' Franco Xuereb kienet minhabba din il-kwistjoni u mhux minhabba xoghol bhala investimenti.

**Sonia Aquilina** regghet xehdet fit-23 ta'April, 2015. Wara li gie muri lilha d-dokument esebit fl-atti a fol 31, tghid li dan huwa *print screen* ta' portfolio. Tghid li dan kien il-kont f'isem Jane Xuereb li tigi omm l-imputat u l-parte civile fejn kellhom kont kongunt. Tghid li dan id-dokument jissejjah *caution note*. Tghid li meta klijent imur ghandhom u jsaqsi fuq kont, itellghu *caution note* biex il-klijent jibqa' jigi moqdi mill-istess persuna u ghalhekk meta dik il-persuna taqdih tkun taf li hemm *caution* fuq dak il-kont. Tghid li din il-*caution* giet imtella' minn Alex Cuschieri. Tghid li dak il-kont kellu zewg *cautions*, wahda ta' Jannar u ohra ta' Lulju u li fid-dokument li qed jigi muri lilha qieghda titkellem fuq il-*caution* ta' Lulju. Tghid li l-*caution* ta'Jannar tinsab esebita a fol 32 u li gie mtella' minnha.

Qalet li hi kellha bzonn il-permess ta' Alan Cuschieri jew id-direttur iehor biex itella' l-*caution* peress li kien hemm blockage fuq il-kont. Tghid li f'dan il-kaz ma tiftakarx min taha l-kunsens ghalkemm kien hemm referenza ghal Alex Cuschieri. Tghid li kellha bzonn l-involviment ta' Alex Cuschieri. Tghid li kien hemm zewg *cautions* fuq dan il-kont zgur.

Mistoqsija jekk hux minnu li l-imputat kien ma jghidilhom li kienu fethu kont f'isem hazin ghax ma kellux jinfetah biss f'isem Jane Xuereb izda f'isem uliedha ukoll, wiegbet li tkun trid tara r-records imma ma kellhiex dak inhar li xehdet.

**Sonia Aquilina** regghet xehdet fl-14 ta' Mejju 2015 u ezebiet il-file kollu tal-klijenti Franco, Mark u Giovanna Xuereb u dan id-dokument huwa mmarkat bhala dokument Z. Ikkonfermat li kien hemm zewg *cautions* fuq dan il-kont li jinsabu inseriti a fol 31 u 32. Tghid illi l-ewwel caution saret fi 2007 u kienet imdahhla minn Alexander Cuschieri bhala direttur. Tghid li kien hemm *caution* fis-sens li meta jigu devoluti l-flejjes ghandhom jigu distribwiti bejn il-firmatarji kollha ta'dan il-kont u mhux jinghataw biss lil Marco Xuereb, u ma jinghatawx lis-sinjura Xuereb li tigi omm il-partijiet.

Mistoqsija jekk il-caution gietx imdahhla minhabba l-fatt li l-kont infetah f'isem Jane Xuereb u Franco Xuereb biss u kien mar Marco Xuereb biex jghidilhom dwar dan, wiegbet li dwar dan m'hemm l-ebda rekord. Ikkonfermat illi meta kien miet il-missier Saviour Xuereb, il-kont infetah f'isem Jane Xuereb, Franco u Marco Xuereb. Tghid li ma tafx jekk il-kont baqax hekk sal-lum ghax il-file ma kienitx qeghda tiehu hsiebu hija.

Tghid li t-tieni *caution* a fol 32 tal-atti giet inserita minnha fl-14 ta' Jannar 2008. Qalet li skont kif isir is-soltu, timmagina li kien mar Marco Xuereb ghandha u qalilha ma jistghux jintbaghtu *interest cheques* ghaliex ommu kellha d-dimensja. Tghid li fil-fatt kienet irreferiet din l-informazzjoni lil Alexander Cuschieri biex tkun tista' tikteb din il-*caution* u dan bl-ghan li c-cheque in kwistjoni ma jinharigx.

Ikkonfermat li l-imputat u martu huma klijenti taghha. Gie muri lilha dokument immarkat bhal ST u kkonfermat fl-14 ta'Jannar 2008, l-imputat u martu fethu kont ma' Calamatta & Cuschieri. Tghid anzi li diga' kellhom kont u kienu ziedu l-investiment taghhom. Mistoqsija jekk Marco Xuereb staqsiex fuq x'se jsir mill-kont t'ommu u huh, qalet li ma tafx ghalkemm jista' jkun li tkellmu fuq il-kont ghaliex li kieku ma kienitx taghmel *caution* dakinhar. Tghid li ma tiftakarx jekk Marco Xuereb dakinhar kellimhiex fuq dak il-kont jew jekk cemplitx lil Franco Xuereb fil-prezenza ta' Marco Xuereb, pero' qalet li tiddubita ghaliex Franco Xuereb mhuwiex il-klijent taghha.

Tghid illi dahhlet il-caution f'dan il-kont, ghalkemm Franco Xuereb m'huwiex il-klijent taghha, peress li Marco Xuereb kien klijent taghha. Kienet dahhlet il-*caution* wara li ddiskutiet il-kaz mal-fund manager Alex Cuschieri f'xi hin hareg il-blockage. Tghid li r-raguni ta' dan il-blockage kien sabiex jipprotegu il-klijenta peress li allegatament kellha d-dimensja. Tghid li l-blockage kien fuq l-interest cheques u mhux fuq il-kont kollu. Cahdet dak li qed jigi allegat lilha li hija kienet kellmet lil Franco Xuereb u li dan qalilha sabiex tibghat cheque lilu. <u>Tirrepeti li dan mhux minnu.</u>

Tghid li l-file Z huwa maghluq u gabitu mil-arkivji. Iddikjarat li ma tistax tghid aktar fuq dan il-kont u ziedet li li m'huwiex il-kaz li hi rciviet xi komunikazzjoni minn Marco Xuereb biex tghaddiha lil huh Franco Xuereb jekk ma jkollhiex l-awtorizzazzjoni *a priori* minghand Marco Xuereb jew skond id-direzzjoni li jkun hemm fil-kont partikolari.

**Carmen Cacopardo Mariani** xehdet fis-sitta (6) ta' Gunju, 2014. Tghid illi kemm l-imputat kif ukoll il-parte civile huma n-neputijiet taghha. Tghid illi meta kellhom l-kawza kriminali l-ohra kontra l-parte civile Franco

Xuereb hi kienet tmur ma' ohtha mhux ghax kellha interess imma ghaliex ohtha kienet tbati bil-hass hazinijiet. Tghid illi fil-fatt kien taha hass hazin u haduha bl-Ambulanza mill-Qorti stess.

Tghid illi ma tiftakarx min kienu l-Avukati t'ohtha u dan ghaliex hi ma kellha l-ebda interess fil-kawza, l-interess taghha kien biss li tipprotegi lill-ohtha.

**Il-Psikjatra Dr. David Cassar** xehed fl-ghaxra (10) ta' Novembru 2014. Jghid illi hu jaf lill-mejta Jane Xuereb peress li din kienet pazjenta tieghu fl-ahhar tas-sena 2007 sas-snin ta' wara gewwa Mount Carmel. Jaf ukoll illi l-imputat u l-parti civili. Stqarr li kellhom problema biex isibulu l-file tal-pazjenta, allura kien se jixhed mill-memorja.

Mistoqsi min kien jiehu hsieb l-iktar lil ommhom, jekk hux l-imputat jew il-parte civile, wiegeb li dan ma jistax jghidu. Izda jghid li sakemm kienet taht il-kura tieghu, kien Franco Xuereb li kien jiehu hsiebha fil-maggor parti, fis-sens illi kien jehodha d-dar u jgibha l-isptar. Pero' l-imputat kien ghamel attentati biex jiehu hsieb lil ommu wkoll, izda x-xhud jghid li jiftakar lill-imputat jghid li kellu problemi sabiex jiehu hsieb lil ommu minhabba r-realtajiet tal-hajja.

L-imputat kien jiehu lil ommu darba nhar ta' Sibt, pero' jaf li kien hemm problemi kbar bejn l-ahwa dwar dan. Jaf li Franco Xuereb kien jiehu hsieb lil ommu fil-maggoranza tal-gimgha. Ix-xhud jghid li jiftakar ukoll li kien hemm diversi laqghat bejn l-ahwa sahansitra anke kien hemm prezenti social workder fit-team tax-xhud biex ikun jista' jghin biex isir *raprochment* bejn l-ahwa, izda sfutunatament dan ma rnexxiex.

Ix-xhud irrefera wkoll ghall-akkuzi lil Marco Xuereb kien ghamel fil-konfront ta' Franco Xuereb li ma kienx jiehu hsieb lil ommu bizzejjed izda dan ma kienx il-fatt. Ix-xhud jghid li s-sitwazzjoni ta' Jane Xuereb ma kienitx facili. In segwitu’ kien hemm laqgha bejnu w is-social worker flimkien ma' Marco Xuereb u Franco Xuereb, u jenfasizza li l-interess ta' Marco Xuereb kienet li jiehu hsieb lil ommu, ghalkemm kellu problemi sabiex jiehu hsiebha. Ix-xhud jghid li ma jistax jghid ghaliex ma kienx jiehu lil ommu nhar ta' Sibt izda jerga' jirrepeti li kien hemm diffikultajiet kbar bejn l-ahwa.

Jghid illi s-sinjura Xuereb kienet tbati bid-dimensja qawwija u li min-naha tieghu ma setax jiftakar jekk Jane Xuereb qattx harbet minghand Franco Xuereb, u ma jistax jghid li kien hemm xi negligenza, perikolozita’ jew abbuz min-naha ta’ Franco Xuereb fil-konfront ta’ ommu Jane.

Jghid illi ma jiftakarx dwar xi harbiet taghha minn Mount Carmel pero’ jiftakar illi bejn l-ahwa kien hemm kawza l-Qorti li kkawzat rabja kbira.

**Michelle Cachia** xehdet fl-ghaxra (10) ta’ Novembru 2014. Tghid illi hi kienet tahdem bhala *social worker* gewwa l-isptar Monte Carmeli pero’ fil-prezent tinsab wieqfa. Tghid illi lil Jane Xuereb tafha u dan ghaliex kienet pazjenta Monte Carmeli fis-sena 2007. Lil uliedha tghid li tafhom ukoll u Franco Xuereb kien qalilha li kien hemm kawza ghaddejha bejnu u bejn huh, pero' hi qatt ma kienet dahlet fil-kwistjoni tal-kawza.

Tghid illi meta Jane Xuereb kienet marret tghix ghand Franco l-access ma kienx ugwali ghaz-zewgt ahwa. Fis-sens illi Marco kien jaraha inqas u dan ghaliex dak iz-zmien ma setghax jaghti l-istess import li kien jaghti huh.

Tiftakar li Franco Xuereb kien jiehu hsieb lil ommu fizikament aktar minn huh Marco Xuereb.

Tiftakar li kienu ghamlu tlett viziti fir-residenza ta’ Marco Xuereb u maghhom kienet marret l-Occupational Therapist u dejjem sabu lil Jane Xuereb nadifa u kuntenta. Tiftakar ukoll li kienet saret laqgha ma' Dr David Cassar, il-psikjatra. Prezenti kien hemm hija, l-ahwa Franco u Marco Xuereb, it-tabib, u nurse. Din kienet saret biex forsi jintlahaq qbil fuq l-access.

Il-laqgha saret minhabba l-allegazzjonijiet li kien ghamel Marco Xuereb li Franco Xuereb ma kienx qieghed jiehu hsieb lil ommu sew u allega li huma ma ghamlu xejn dwar is-stiwazzjoni u Marco Xuereb kien talab li Jane Xuereb tittiehed go residenza tal-Gvern. Ix-xhud qalet li ma kienx hemm provi dwar din l-allegazzjoni ta' Marco Xuereb, izda tghid li Marco Xuereb baqa' jallega li kien hemm zewg okkazzjonijiet li kien gabar lil ommu minghand huh Franco Xuereb, u kien saba' mahmuga u li ried li ommu tidhol go dar tal-gvern. Ilmenta wkoll li darba Jane kienet harbet mid-dar u marret Mater Dei. Qalet pero’ illi hi ma tafx min fejn Marco seta’ gab din l-informazzjoni.

Tghid illi hi ma jidhrilhiex li Jane qatt harbet minn Mount Carmel. Mistoqsija jekk izommux records ta’ dan, tghid li jista' jkun il-kaz li jkunu fil-*medical records*, pero' mhix certa. Ix-xhud qalet li jekk ma tkunx mgharrfa li tkun harbet pazjenta hi ma tkunx taf. Dwar l-allegazzjoni li Jane Xuereb kienet harbet mill-isptar u nstabet mill-Pulizija gewwa Haz-Zebbug, tghid illi ma tiftakarx. Tghid illi hi kienet segwietha mis-sena 2007 sas-sena 2010, meta kienet involuta fil-*home help* taghha.

Tghid illi Franco Xuereb kien ikun infurmat dwar il-*home visits* ghaliex din kienet il-procedura. Terga' ttenni li l-problema li Franco Xuereb ma kienx ihalli lil huh jara lil ommu, ma setghux isoluvha huma.

**Gabriella Xuereb** xehdet fit-tnejn (2) ta' Dicembru 2014. Tghid illi hi tigi n-neputija tal-imputat u tghix is-Swatar ma' ommha u missierha. Kien hemm snin fejn in-nanna taghha kienet tghix maghhom. Tghid illi fil-15 ta' Awwissu 2007, kien iz-zmien li in-nanna taghha kienet tghix maghhom, u kienet qamet kmieni fil-ghodu u kienet semghet lil missierha jhabbat fuq il-bieb u tghid illi kienet ghalqet lil missierha fil-kamra tas-salott. Tghid illi wara ftit regghet semghat l-istorbju u rat lil nannitha ssawwat lil ommha. Tghid illi ommha hija marida sew u ghalhekk qalulha tidhol fil-kamra tal-banju li taghti mal-kamra taghha.

Tiftakar li missierha kien qabez minn gol-gallarija ghal got-tieqa w lilha baghatha ccempel lill-pulizija ghall-ghajnuna. Tghid illi l-imputat, kien imur ghal ommu s-Sibt wara nofsinhar, u dan ghal ftit sieghat u jehodha lura fis-sebgha jew fit-tmienja ta' filghaxija. Tghid illi missierha kien jiehu hsieb lin-nanna, u kienet tohrog nadifa mid-dar. Ix-xhud tghid li missierha kien jiehu wkoll hsieb ommha peress li hija marida sew. Ix-xhud tispjega li missierha kien waqaf mix-xoghol biex jiehu hsieb lil ommha u lill-ommu. Kien jahsilha hu u meta z-ziju taghha kien imur ghaliha gieli kienet tkun lesta w gieli kien ikun irid jistenniha ftit. Missierha kien waqaf mix-xoghol biex setgha jiehu hsiebhom it-tnejn.

In kontroezami, ix-xhud tghid illi aktar iva milli le kienet tkun id-dar meta l-imputat kien imur ghan-nanna taghha. Tghid illi ma tiftakarx f'okkazzjoni fejn in-nanna harbet mid-dar biex tmur Mater Dei. Izda tiftakar li darba kien hemm okkazzjoni fejn in-nanna kienet harbet minn

Mount Carmel. Tghid illi l-problemi bejn l-imputat u missierha ilhom ghaddejjin u kien hemm anke proceduri kontra missierha ntavolati min-nannitha. Tghid illi kienet tmur ma' missierha tara lil nannitha gewwa Mount Carmel, izda waqt il-proceduri hi ma kienetx tmur tara lin-nanna u ma tiftakarx li missierha qatt waqqaf lil huh milli jara lil ommu. Tghid ukoll illi hi qatt ma marret il-laqghat li kienu jinzammu Mount Carmel.

**L-Ispettur Nikolai Sant** xehed fid-9 ta' Gunju 2015. Ikkonferma li wara li kien ressaq lill-imputat il-Qorti hu rcieva l-ittra esebita f'dawn l-atti markata bhala dokument RS. Jghid li kien ghamel xi verifiki biex jara jistax jigbor dawk il-calls pero' minhabba d-*data retension* kien ghadda z-zmien u ghalhekk ma setax jipprezerva din l-evidenza. Jghid din d-domanda tal-imputat saret l-ghada li tressaq il-Qorti. Jghid li l-kwistjoni kienet kollha fuq il-Broker Calamatta Cuschieri u cioe' li kien sar xi skambju ta' telefonati bejn l-imputat u huh u in partikolari bejn l-ufficini ta' Calamatta Cuschieri u hu l-imputat Franco Xuereb. Jghid li ghad-data u l-hin specifiku hu kellu jivverifika.

L-imputat **Marco Xuereb** irrilaxja stqarrija fl-ghaxra (10) ta' Dicembru, 2009 fejn jghid illi hu mizzewweg u ghandu tlett itfal u jahdem bhala *laboratory technician fl-education department*.

Jghid illi hu u huh ilhom ma jitkellmu minn 1996 u dan ghaliex kienet inqalghat kwistjoni fuq ic-cekk ta' ommu fejn kienet dahlet ukoll il-Pulizija. Jghid li m'ommu hu m'ghandu l-ebda problemi. Meta mardet huh Franco kien ippretenda li johodha hu, izda stqarr li rrifjuta minhabba l-istat li kienet fih. Huh ma kienx accetaha din u ried izomm il-piz kollu wahdu. L-imputat qal li hu kien issugerixxa li ommhom tmur go home imma huh ma riedx.

Jghid illi hu kien ghamel rikors fil-Qorti Volontarja biex jara lil ommu. Dan jaf ukoll bih Dr. David Cassar, Psikjatra u s-social worker Michelle Cachia. Jghid illi Dr. Cassar waqt il-laqgha li kellhom Mount Carmel kien qal lil huh biex ihallih jara lil ommu. Hu kien accetta imma meta mar fuq il-post biex jigborha huh kien keccieh ghax kien ser icempel lill-Pulizija. Jghid li lil ommu ilu ma jaraha minn dakinhar pero' ftit wara li dahlet l-isptar kien raha.

Gie muri r-rikors tieghu stess tas-6 ta' April, 2008, partikolarmnet pagna 3, fejn jghid: *"Sonia Ellul u s-sur Cuschieri mid-ditta Calamatta and Cuschieri Brokers, fejn hemm xi investimenti f'isem Jane Xuereb li wasslu biex jaghlqu, gharrfu lill-esponenti li huh Franco Xuereb taghhom struzzjonijiet biex jibghatulu cekk u jinvestihom hu l-flus t'ommu".*

Jghid illi dan id-diskors semghu ghaliex meta Sonia cemplet lil huh, hu u l-mara tieghu Josette kienu hemmhekk. Jikkonferma li Franco kien ta struzzjonijiet lil Sonia w din wara kienet qaltlu dak li kien qalilha Franco. Meta gie suggerit lilu li mhux minnu li ta' Calamatta & Cuschieri kienu qalulu li huh kien tahom xi struzzjonijiet, sahaq li din kienet il-verita' u li skond kif kienet qaltlu Sonia wara li qatghet minn ma' huh, dan kien qalilhom biex jibaghtulu c-cekk.

Mistoqsi jekk hax gurament falz f'dan l-affidavit, hu jghid li mhux vera, anzi lest jerga' jiehu gurament iehor bhal ma ha. Il-puliziija nfurmawh li huma kienu marru ghand il-brokers u dawn ikkonfermaw li qatt ma kienu qalulu hekk. Ghal dan il-kliem l-imputat wiegeb li huh kien ta dawn l-istruzzjonijiet fuq it-telefon u li hu qatt ma qal li huh kien mar direttament ghandhom. Wara li gie infurmat li Sonia u s-Sur Cuschieri ghamlu affidavit

li mhux vera li Franco kien qalilhom jaghmlu cheque, irrepeta li t-telefonata kienet saret bejn Sonia u Franco li meta Sonya qatghet it-telefon qaltlu biex ic-cheque tal-mama jintbaghat ghand Franco. Jghid li hu rrifjuta u talab biex jidhol fin-nofs is-Sur Cuschieri.

Jghid illi effettivament huwa ma kienx iccekkja fuq il-kont ta' ommu izda kull ma ghamel kien li talab lil Sonia sabiex jiltaqghu hu w huh biex jiehdu decizjoni fuq l-investiment ta' ommu, w dan wara li kien spjegalha l-kundizzjoni t'ommu. Mitlub jispjega jfisser ghaliex fir-rikors tieghu jghid illi dan l-agir ta' huh mhuwiex nobbli u dan jagixxi ghall-fini ta' mohhu, jghid illi dan qalu peress li kien hemm kaz iehor il-Qorti bejn ommu w Franco w huh kien ser jerga' jaghmel l-istess haga li jiehu c-cekk ta' Ommu.

Jghid li dak li qal huwa l-verita' u li ma jiddispjachix talli ghamel, jghid ukoll illi darba kien tressaq quddiem il-Qorti ghax f'mument ta' rabja qabad u qata' *wire ta' telephone*. Jghid illi hu dejjem talab li meta kien hemm bzonn isiru l-affarijiet dawn isiru fil-prezenza tat-tnejn. Jirreferi ghal dan il-kaz ta' Sonia Ellul u anke ghal meta kien talab lis-social worker biex jiehu hsieb il-penzjoni ta' ommu u wkoll ricentament sabiex jimlew il-formola tat-taxxa. U li jekk jerga' jiehu gurament kien ser jerga' jiehdu b'responsabilita' kbira u jerga' jikkonferma dak li qal.

L-imputat ghazel li jixhed **viva voce u** fl-14 ta' Lulju 2015 fejn ikkonferma illi kien ipprezenta rikors fil-Qorti tal-Gurisdizzjoni Volontarja fis-6 ta' April 2008, liema rikors esebit fl-atti a fol. 20 u jikkonferma li kien ipprezenta dak ir-rikors biss dakinhar.

Jghid li b'referenza ghall-allegazzjoni li hemm fir-rikors tieghu b'mod partikolari ghal Sonia Ellul u Cuschieri, spjega li fl-14 ta' Jannar 2008 hu flimkien ma' martu kienu marru ghand Calamatta Cuschieri biex fethu investiment u dan jidher mid-dokument minnu esebit li gie mmarkat bhala dokument Z. Jghid li dakinhar kien tkellem ma' Sonia Ellul u qalilha li kien hemm il-kont tal-wirt ta' missieru li kien se jaghlaq ftit jiem wara u ghalhekk staqsieha jekk kinitx disposta li ccempel lil huh Franco Xuereb, u dan biex jekk huh jaqbel ihallu l-flus f'dak il-kont.

Ix-xhud zied jghid li Ellul cemplet lil huh Franco u meta qatghet u staqsiha jekk huh kienx jaqbel ma' dan l-arrangament, Ellul qaltlu, dak il-hin stess, illi huh kien qalilha biex tibghatlu c-cekk biex jara hu fejn kien se jinvesti l-flus. Ix-xhud jghid li ma accetax dak li talab huh Franco, u dak il-hin Sonia qaltlu li ma setax jimxi ahjar aktar milli kien mexa, cioe' li jipprova jsib ftehim. Cio' nonostante huh ma riedx jiftiehem. Jghid li dak il-hin is-sur cuschieri gie fl-ufficju w huwa qallu li una volta huh ma riedx jifthiem kien se jhalli f'idejh fejn il-flus jigu nvestiti.

Jghid li qatt ma rcieva dokumentazzjoni minghand Calamatta Cuschieri li l-kont kien se jinghalaq, pero' kien gie infurmat meta l-flus regghu gew investiti. Jghid li l-kont li kien qieghed jitkellem dwaru kien f'ismu u f'isem huh Franco Xuereb u ommhom u dak iz-zmien ommhom kellha d-dimensja u hu kien infurmahom fuq dan. Jghid li kien infurma lil Calamatta & Cuschieri sabiex il-flus jidhlu fil-kont taghha.

Jghid li mhuwiex minnu dak li stqarrew rappresentanti ta' Calamatta li meta miet missieru l-kont infetah f'ismu, f'isem huh u f'isem ommhom. Esebixxa dokument datat 6 ta' Frar 2007 li gie mmarkat bhal Z1. Jghid li minn dan id-dokument jidher li kienu ghaddew kwazi sentejn u sitt xhur

mill-mewt ta' missieru u l-kont in kwistjoni kien ghadu f'isem missieru u ghalhekk mhuwiex minnu li l-kont infetah fuq tliet ismijiet malli miet missieru.

Jghid li in segwitu' kien induna li kien hemm kont li nfetah f'isem ommu Jane Xuereb u Franco Xuereb u allura hu kien indikalhom li effetivament kien hemm zball u li ghalhekk kellu jinfetah f'isem tliet persuni Jane Xuereb, Franco Xuereb u f'ismu.

Ix-xhud ipprezenta dokument iehor immarkat bhala dokument Z2 li jindika li dak il-kont originarjament kien infetah f'isem Jane Xuereb u Franco Xuereb. Jghid li l-Ispettur kien baghat ghalih u staqsieh fuq dik il-konversazzjoni fejn hu kien sahansitra qallu dwar it-telefonata w anke tah il-hinijiet meta kien prezenti quddiem Sonia Ellul fl-ufficcju ta' Calamatta Cuschieri.

Ix-xhud esebixxa dokument tal-karozza tieghu personali immarkat bhala dokument Z3 li kien rcieva mis-CVA peress li kien dahal il-belt Valletta. Dan jindika d-data w il-hin li kien fl-ufficcju ta' Calamatta. Mistoqsi jekk l-Ispettur ghamilx komunika mas-*service provider* dwar dik it-telefonata li hu kien qal li kellu, qal li jidhirlu li m'ghamel xejn dwarha.

Ix-xhud esebixxa dokument iehor li gie mmarkat bhala dokument Z4, li hija ittra li hu kien baghat lic-Chairman permezz tal-avukat tieghu sabiex ic-Chairman izomm informazzjoni ta' dik il-gurnata partikolari ghat-telefonati li saru minn dak l-ufficcju.

Ix-xhud esebixxa dokument li gie mmarkat bhala Z5 li hija twegiba mibghuta mill-GO datata 15 ta' Marzu 2010. Esebixxa dokument iehor li

gie mmarkat bhala Dokument Z6 li hija ittra ohra mibghuta mill-avukat tieghu lilu.

Ix-xhud ghamel referenza ghal parti tar-rikors fejn huh qal li hu kien gideb meta qal li kull meta kellu access ghal ommu kien isibha b'riha ta' arwina u hmieg tal-ippurgar. Spjega illi lil ommu kien jigborha minghand huh u johodha jew ghandu jew ghand omm il-mara kull nhar ta' Sibt, meta hih kien jaghtih access ghax kien ghamel zmien meta ma kienx ikollu access. Jghid li nduna li ommu kien ikollha certu riha u l-mara tieghu offriet li tahsilha hi personalment. Jghid li anki certu hwejjeg ta' taht kienu jkunu mahmuga. Jghid li din grat f'diversi okkazzjonijiet. Gie mistoqsi kemm-il darba, w irrisponda li ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb kemm pero' jghid li kienu diversi okkazzjonijiet, tant li kienu ghamlu laqgha mas-social worker u li hu kien lest li una volta li jiehu l-ommu jehoda ghand social worker biex jurih kif se jirritornaha.

Iddikjara li s-social worker Michelle Cachia kienet tahdem b'*reduced hours* u s-Sibt ma tahdimx u ghalhekk ma setghetx tikkonferma dak li kien qieghed jghid hu. Jghid li wasal biex jipprezenta dak ir-rikors quddiem il-Qorti Volontarja minhabba diversi ragunijiet, fosthom li kien imcahhad li jara lil ommu u dan minkejja li Dr. Cassar kien ta struzzjonijiet lil huh u qallu li hu ma setax icahhadlu access ghal ommu. Kien bl-intervent ta' Dr Cassar li hu kien rega' nghata access biex jara l-ommu fis-sens lil huh Franco Xuereb kien qabel li jaghtih access, ghalkemm meta mar is-Sibt ta' wara jhabbat il-bieb ta' huh, dan keccieh u heddu li kien lest li jgiblu l-Pulizija. Jghid li l-inkwiet tal-pulizija ma riedux u ghalhekk telaq l'hemm, pero' kien kiteb lil Dr Cassar fuq din il-kwistjoni fejn gharrfu li minkejja li kien hemm dan il-ftehim bejniethom huh ma kienx onorah. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Z7.

Jghid li jiftakar li kien ukoll ipprezenta rikors quddiem il-Qorti Volontarja sabiex hu flimkien ma' huh Franco jirraprezentaw lil ommhom fuq kuntratt dwar fidi ta’ cens u jghid li effettivament il-Qorti kienet laqghat it-talba taghhom b’digriet. Esebixxa kopja ta’ dan ir-rikors u d-digriet li gew immarkati bhala dokument Z8.

Jghid illi f’dawn il-proceduri kien ircieva ittra mibghuta lilu minghand Dr. Mark Busuttil, li kopja taghha giet esebita u mmarkata bhal dokument Z9. Jghid li din l-ittra datata 18 ta’ Awwissu indikat illi c-cheques kienu hargu fl-10 ta’ Awwissu minghajr il-prezenza tieghu u dan minkejja li kien hemm digriet tal-Qorti sabiex hu jkun prezenti ghall-iffirmar tal-kuntratt. Esebixxa kopja tac-cekkijiet li dawn id-dokumenti gew mmarkati bhal Z10.

Jghid li minkejja li huh qal li kien irrinunzja ghall-wirt ta’ missierhom, xorta kien jipprezenta rikorsi fejn kien jitlob direzzjoni mill-Qorti sabiex huwa jiltaqa’ mieghu biex jiddiskutu l-pendenzi dwar il-wirt. Dan ir-rikors gie esebit u mmarkat bhala dokument Z11. Jghid li l-eredita’ ta’ missieru nqasmet nofs bin-nofs u eventwalment anki l-eredita’ t’ommu nqasmet nofs bin-nofs.

Jghid li mhuwiex minnu dak li qed jigi allegat kontrih li hu kien insista li jmur il-Bank wahdu u jiffirma c-cekkijiet wahdu. Jghid li ghalkemm huwa minnu li l-firma fuq ic-cekkijiet immarkati dokument Z10 hija tieghu, pero’ qal li dawn kien iffirmahom wara li kien ircieva l-ittra tat-18 ta’ Awissu, minkejja li hemm id-data tal -10 ta’ Awissu. Jghid li kien jaf li kellhom johorgu cekkijiet pero’ jghid li kien taht l-impressjoni li kellu jkun prezenti ghall-hrug taghhom. Sahansitra qal li kien mar il-Bank u oggezzjona dwar

dan mal- manager fejn qallu li hu kellu jkun prezenti ghall-hrug ta' dawn ic-cekkijiet. Qal li jekk ma kienx sejjer zball dan kien jismu Mr. Parascandalo. Zied li s-Sur Parascandalo kien qallu li dak li ghamel kien ghamlu in buona fede u kien talbu l-kopja tad-digriet li harget il-Qorti. Kompla jghid li hu ma sab l-ebda raguni ghax ma kellux jiffirmahom una volta kienu hargu. Mistoqsi jekk hu kienx ha passi kontra Calamatta Cuschieri dwar dak li sehh minkejja li kien qalilhom li kien se jaghmel hekk, qal li f'dak iz-zmien ma dehrlux li kellu jiehru, ghalkemm ma jeskludix li jista' jaghmel hekk 'il quddiem.

Jghid li kien tkellem mas-Sur Cuschieri meta kien hemm il-mara mieghu ghaliex kien dakinhar li kien fetah il-kont tieghu u cioe' l-14 ta' Jannar 2008. Jghid li mal-ufficcju ta' Calamatta Cuschieri kien jitkellem dwar l-investimenti tieghu u ma kienitx l-ewwel darba li kien ghamel xi *dealings* maghhom. Jghid li hu mhux impjegat taghhom u ma jafx x'inhi il-procedura li juzaw.

**Josette Xuereb** xehdet fit-2 ta' Frar 2016 u qalet li hija mart l-imputat waqt li l-parte civile Franco Xuereb jigi huh. Saritilha referenza ghar-rikors li kien gie pprezentat quddiem il-Qorti Civili Gursidizzjoni Volontarja fit-3 ta' Lulju 2008, liema rikors jinsab fl-atti a fol 20 u b'mod partikolari ghal folio 2 ta' dan ir-rikors paragrafu numru 3.

Tghid li tiftakar li fl-erbatax ta' Jannar 2008 kienet flimkien ma' zewgha fl-ufficini ta' Calamatta Cuschieri u dana peress illi kienu fethu investiment personali flimkien. Ix-xhud esebiet kopja ta' dan id-dokument li juri l-ftuh ta' dan l-investiment, li gie mmarkat bhala dokument RS. Tghid li dakinhar kienet qed taqdihom Sonia Ellul. Qalet li dakinhar ir-ragel taghha kien qal lil Sonia li kien hemm xi investiment ta' missieru li kien se jaghlaq, u

talabha ccempel lil huh Franco Xuereb bil-ghan li jigi stabbilt fejn kien se jigi investit dan l-investiment. Filfatt cemplitlu fil-presenza taghhom u meta qatghet daret fuq ir-ragel taghha u qaltlu li Franco Xuereb kien ta struzzjoni sabiex dan ic-cekk jintbaghat lilu (lil Franco Xuereb) u sussegwentement jara hu fejn kien se jinvestih. Tghid li lil zewgha m'ghogbitux din l-idea u dak il-hin stess Sonia qalet lil zewgha li hu ma setax jimxi ahjar milli ghamel. Dak il-hin qamet u marret tkellem lil Alex Cuschieri u in segwitu' dan gie fil-kamra fejn kienu qeghdin huma pero' x'intqal ezatt ma tiftakarx.

Tghid li safejn taf hi dan l-investiment li qed jitkellem dwaru zewgha gej mill-wirt ta' missieru. Tghid li kull ma taf huwa dan id-diskors li sar in konnessjoni ma' dan l-investiment, izda ziedet tghid li tiftakar li t-telefonata saret fil-prezenza taghha ghaliex kienet hemmhekk. Qalet li fiz-zmien meta omm zewgha kienet tghix ma' Franco Xuereb, ir-ragel taghha kien talabha biex tnaddafha. Spjegat li huma kienu jarawha kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar u ziedet li meta din kienet tmur ghandhom hija kienet tbiddlilha w tlibbisha hwejjeg li kellha ghandhom. Qalet li peress li kienet tahsilha hi, kienet tinduna li kellha l-hwejjeg mahmugin u b'riha fuqhom u bl-*underwear* mahmug. Tghid li din grat ta' sikwit, f'xi hames okazzjonijiet zgur, pero' bil-preciz ma setghatx tghid.

Ix-xhud qalet li ma tiftakarx li kienet prezenti f'xi laqgha fejn issemmiet l-okkazzjoni meta omm ir-ragel taghha kienet harbet mill-kustodja ta' Franco Xuereb, filwaqt li tiftakar li darba minnhom kellhom laqgha mal-psikjatra Dr David Cassar u dan fuq talba tar-ragel taghha stess sabiex jkun jista' jara 'l ommu. Tghid li dan gara peress li Franco talab li jkun hemm tabib u nurse meta huma jaraw l'ommu. Tghid li prezenti ghal din il-laqgha kien hemm zewgha, hu ir-ragel Franco Xuereb, hija u s-social worker li

jisimha Michelle u naturalment il-psikjatra u li f'din il-laqgha zewgha kien talab lil Dr Cassar sabiex zewgha u uliedhom ikunu jistghu jaraw lil omm ir-ragel taghha.

Tghid li Dr Cassar qal lir-ragel taghha li kellu kull jedd li jaraha, izda cio' nonostante Franco beda joggezzjona ghax ried li jkun hemm prezenti nurse u tabib. Tghid li dak il-hin Dr Cassar irrabja w hareg 'il barra w Franco hareg warajh u wara xi hin dahlu t-tnejn flimkien. Kompliet li wara dik l-okkazzjoni zewgha rega' beda jara lil ommu u dan ghaliex wara dik il-laqgha Franco kien accetta illi s-Sibt ta' wara huma setghu jaraw lil ommu. Minkejja dan qalet li s-Sibt ta' wara meta marru ghaliha, Franco qalilhom biex jitilqu 'l hemm ghax kien se jgibilhom il-pulizija u ghalhekk telqu. Tghid li dakinhar kien kellmu mill-intercom biss. Tghid li apparti din l-okkazzjoni kien hemm okkazzjonijiet ohra meta cahdilhom l-access ghax dejjem insista li jkun hemm prezenti tabib u nurse.

**Josette Xuereb** regghet xehedet fit-2 ta' Marzu 2016, u qalet li fil-parti l-kbira hi tkun mar-ragel taghha izda mhux dejjem. Qalet li mhux minnu dak li qalet Sonia fix-xhieda taghha tal-14 ta' Mejju 2015 illi hija ma kenitx staqsiet biex iccempel lil Franco Xuereb ghax filfatt hekk kienet talbitha, biex iccempillu u ghalhekk huwa minnu li effettivament zewgha dakinhar meta kien ghand Calamatta Cuschieri kien qal lil Sonia biex icempel lil huh Franco Xuereb. Tghid li filfatt fil-fehma taghha hekk ghamlet. Tghid li naturalment hija tista' tixhed u tghid fuq li rat dakinhar.

Qalet li meta kienu jmorru ghal Jane Xuereb, gieli r-ragel taghha kien johrog mill-karozza u gieli kienet tinzel hi tkellem lil Franco Xuereb fuq l-intercom. Gieli kienet tkellimha fuq l-intercom il-mara ta' Franco Xuereb, Tracy. Xi drabi kienu jghidilhom biex jistennew ftit ghaliex kienu qed

ilestuha biex tinzel u filfatt kienet tkun Tracy Xuereb li tnizzilha isfel. Kompliet li ghalkemm Tracy kienet tghidilha li Jane kienet qed titlesta ghax ghadha kif inhaslet, filfatt ma kinux isibuha nadifa ghaliex kienet tkun mahmuga.

Ziedet illi meta kienu jrikkbu lil Jane fil-karozza, kien ikollha riha ta' arwina u hmieg. Tghid li huwa minnu illi Jane kien ikollha l-hrieqi pero' fuq il-harqa kien ilibbisha *panty* mahmug u meta hija kienet tbiddlilha kienet tlibbisha hwejjeg minn taghhom. Tghid li ir-ragel taghha kienet sahanistra anke tkellem ma' Michelle is-social worker fuq dan. Tghid li filfatt Michelle kienet qaltilhom li kellhom jgibu n-nurse u t-tabib biex jarawha, u ziedet li Michelle kienet gharrfet lil Franco dwar dan u dan kien qabel.

Imbaghad qalet li wara li kienet tnaddaf lil Jane fid-dar taghhom, meta kien jasal il-hin biex jirritornawha lura ghand Franco Xuereb, kienet terga' tlibbisha l-istess hwejjeg ezatti kif kien ikun tahielhom hu, jigifieri l-hwejjeg mahmuga li kienet tigi bihom. Qalet li kienet taghmel hekk ghaliex kieku l-hwejjeg taghhom kieku ma kienux jigu rritornati lilhom. Tghid li Michelle qatt ma qaltilha li ma kinitx qed temminha meta kienet tghidilha illi Jane kienet tigi ghandhom mahmuga. Ikkonfermat li kienu zammew laqgha ma' Dr David Cassar b'konsegwenza ta' din il-kwistjoni tal-hmieg.

Cahdet dak li ssugerit lilha illi Dr. David Cassar irrabja maghhom ghaliex huma xtaqu jaghlqu lil Jane Xuereb Mount Carmel u Franco ma riedx. Lanqas ma huwa minnu li Dr. David Cassar qabel ma hareg mill-kamra dar fuq zewgha u qallu li ma kellux hin ghal nies bhalhom, ghall-kuntrarju qalet li waqt dik il-laqgha filfatt Dr. Cassar kien irrabja meta huma kienu

qalulu illi Franco kien issuggerixxa li kien hemm bzonn li jkun hemm tabib u nurse meta jaraw ‘l ommu, tant li Dr. Cassar dak il-hin dar fuq Franco w qallu li huwa ma setax icahhadhom milli jaraw lil omm ir-ragel taghha u Dr. Cassar telaq ‘il barra. Franco dakinhar telaq warajh u wara ftit dahlu t-tnejn flimkien u Franco dak il-hin qalilhom li s-Sibt ta’ wara kien lest li jaghtihielhom, izda mbaghad meta marru ma tahomx access u qalilhom biex jiehdu nurse u tabib u li kien lest li jgibilhom Pulizija.

Ikkonfermat li huwa veru li Franco kien qal li xtaq li jkun hemm persuna kwalifikata prezenti meta jmorru ghal omm ir-ragel taghha w ikkonfermat ukoll li huma kienu jsibuha f’dik il-kundizzjoni li xhedet dwarha. Ix-xhud qalet li ma tafx jekk in segwitu’ gewx prezentati xi proceduri ghall-interdizzjoni ta’ Jane Xuereb. Inoltre kkonfermat ukoll li minkejja li zammew din il-laqgha xorta ma hadux l-omm ir-ragel ghandhom u rrepetiet li hi ma tafx li effettivament in segwitu’ saru l-proceduri tal-interdizzjoni.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-parte civile Franco Xuereb prezentata fl-atti nhar l-4 ta’ April 2016 u n-nota responsiva tal-imputat prezentata fl-atti nhar it-2 ta’ Mejju 2016.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz b’mod verbali nhar id-19 ta’ Lulju 2016 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor ta’ dan il-kaz huma s-segwenti:-

L-imputat u l-parte civile huma ahwa u ftit taz-zmien qabel ma giet prezentata din il-kawza, missierhom kien miet u kien halla xi flejjjes go kont ghand Calamatta & Cushieri u dawn kien u gew maqluba fuq martu Jane Xuereb rigward nofs, u r-rimanenti nofs f'isem iz-zewg uliedu Marco u Franco Xuereb. Jidher li kien wasal iz-zmien meta dan il-kont kien ser jaghlaq u l-imputat xtaq li jkun hemm ftehim ma' huh Franco kif kellhom jergghu jigu investiti l-flejjes. Jghid li huwa kien kellem lil Sonia Aquilina sabiex tkellem lil huh Franco dwar din il-pendenza, w l-imputat jghid li Sonia qaltlu li Franco xtaq li meta l-kont jaghlaq ikollu c-cekk u jara hu fejn kellu jiddeposita dawn il-flejjes. Franco jghid li Sonia Aquilina qatt ma kellmitu dwar dan il-kont, u ghalhekk dak li qal l-imputat f'dan ir-rigward fir-rikors guramentat tieghu li kien ipprezenta fil-Qorti Gurisdizzjoni Volontajra huwa inveritier. Jallega wkoll Franco Xuereb fil-kwerela li baghat lill-pulizija fil-konfront ta' huh l-imputat, li l-imputat ukoll ma qalx is-sewwa meta fl-istess rikors esebit fl-atti a fol. 20 jghid li ommu kient tkun mimlilja riha ta' awrina w ipprugar u kienet tkun mahmuga meta kien imur jigborha minghand huh Franco Xuereb. Il-partijiet jaqblu, w dan hu wkoll konfermat mir-rappresentanti ta' Calamatta u Cushieri, li Jane Xuereb kienet tbati mid-*dementia*. It-tobba piskjatra li kienu nvoluti f'dan il-kaz, ilkoll ikkonfermaw li kien hemm dizgwid bejn l-ahwa u li kien hemm problemi bejniethom fir-rigward taz-zamma tal-omm.

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' spergur a tenur tal-Artikolu 106 tal-Kodici Kriminali, u cioe' bir-reat hekk imsejjah *judicial* jew *legal perjury*. Dana jipotizza t-tehid ta' gurament falz fil-kors ta' kawza pendenti quddiem Qorti. L-Artikolu 106 jitkellem dwar l-ispergur fil-kawzi civili, li huwa distint minn dak li jsehh fil-kawzi kriminali. Id-distinzjoni bejniethom hija biss ghal dak li jirrigwarda l-piena u dana peress illi l-

elementi li jsawru r-reat tal-ispergur huma identici ghaz-zewg istanzi. X'inhuma ghalhekk l-elementi legali li huma necessarji sabiex tista' tinstab htija ghal dana r-reat?

**L-artikolu 106 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 jipotizza tlett istanzi ta' spergur fi proceduri civili u cioe' l-ispergur mix-xhud, l-ispergur minn persuna li hija parti fil-kawza civili u l-affidavit falz. Illi ma hemmx dubbju illi f'dina l-kawza qed jigi addebitat lill-imputat ir-reat li huwa inkwadrat fis-subinciz tlieta ta' dana l-artikolu tal-ligi, peress illi l-imputat ipprezenta rikors guramentat sabiex ommu tigi interdetta, jigi nominat amminsitratur u kuratur temporanju w sabiex l-istess ommu Jane Xuereb tigi rikoverata f'dar tal-anzjani. Il-parte civile donnu qed jghid li ghandu jigi kunsidrat bhala affidavit, stante li huwa guramentat fi proceduri civili.

Dana r-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-Kodici Penali taghna u cioe' sa mit-30 ta' Jannar 1854. Sussegwentment saru xi emendi zghar ghar-rigward tal-piena u ricentement meta bl-Att III tal-2002 gie mizjud is-subinciz tlieta (3) in konnessjoni max-xhieda permezz tal-procedura tal-affidavit li issa saret parti mil-ligi procedurali taghna. Illi Giuseppi Falzon fin-noti tieghu 'Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze" (1872) fisser ir-*ratio* ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispjega:

"*Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita' in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero*."

Fuq l-istess vena jghid l-Antolisei:

"*L'Autorita' gudizziaria per assolvere i suoi compiti, ha bisogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete, affinche' possano essere emessi provvedimenti giusti, e cioe' conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente puo' fuorviare l'attivita' giudizziara e per questa ragione viene sottoposta a pena. .... Oggetto della tutela penale e' l'Amministrazione Della Giustizia alla veridicita' e completezza di quel mezzo di prova che va sotto il nome di testimonianza*."[1]

Illi minn dan il-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta t-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dan ir-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament ghaliex l-ispergur jista' jwassal biss ghal *miscarriage of justice*, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Minn dana l-bran ukoll jemergu l-elementi legali li jsawru dana r-reat, kif ahjar esposti mill-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali, fejn jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-ezistenza ta' dana r-reat tal-*judicial perjury,* cioe':

"(i) *a testimony given in a cause*.
(ii) *on oath lawfully administered by the competent authority*.
(iii) *Falsity of such testimony in a material particular*.
(iv) *willfulness of such falsity or criminal intent*."

[1] Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia.

Dwar l-ewwel element ma hemmx wisq x'jinghad. Dana johrog car mill-qari stess tad-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dana r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta' dana r-reat huwa ovvjament il-gurament mehud mill-imputat meta halef il-kontenut tar-rikors Dok NS 7. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xhieda li tinghata f'kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja u dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skond il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti. Il-Mamo jghid:

"*It must be a cause, that is to say contentious proceedings, which call for a decision.*"

Illi jinghad ghalhekk li dan l-element huwa gja nieqes ghaliex il-proceduri li gew intavolati mill-imputat quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja ma kinux quddiem Qorti kontenzjuza.

It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioe' x-xhieda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Kif jghidu l-awturi, fosthom il-Manzini, dina tista' tkun wahda minn tlett ipotesi u cioe' " *l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza*."[2]

Illi dwar dan it-tieni element jidher li iktar hemm *negazione del vero* milli *affermazione del falso,* jekk din il-Qorti kellha taccetta li dak li qal l-imputat li allegatament qaltlu Sonia Aquilina ma kienx minnu fir-rigward dak li intqal fuq l-allegata telefonata li giet negata minnha u fir-rigward li kien isib lill-ommu mahmuga.

[2] Capitolo XIX Delitti Contro l'amministrazione della giustizia.

Illi l-ahhar zewg elementi huma zewg elementi mportanti li jistghu jwasslu ghal kundanna. Dana peress illi dawn jitkellmu dwar in-natura tax-xhieda li tinghata u l-intenzjoni tax-xhud.

Ghalhekk fit-tielet lok il-falsita' trid tkun tirreferi ghal **fatt materjali u determinanti ghall-ezitu tal-kawza**. Il-Mamo jghid: "*In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. ... the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist*." Ikompli jikkwota dak li jghid il-Maino : "*Perche' sussista la falsa testimonianza ... e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente taciute* ***siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa***." (sottolinjar tal-Qorti).

L-istess jghid l-Antolisei:

"*Affinche' possa farsi luogo alla punizione, per noi e' necessario che la falsita' sia guridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita' giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che' e stato comesso abbia la possibilita' di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita' di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettivita' giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente*

*irrilevanti non solo le falsita' che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che per la loro natura o per l'oggetto a cui si riferiscono **non hanno alcuna possibilita' di turbare il corso dell'attivita' giudiziaria**.*" (sottolinjar tal-Qorti). [3]

Ghalhekk kwalunkwe xhieda li ma ghandha l-ebda relevanza ghall-ezitu tal-kawza, ghalkemm tista' tkun inveritjiera, ma tista' qatt twassal ghar-reat tal-ispergur. Ikompli il-**Mamo**: "*All the authorities are unanimous that a crime of false testimony is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court*."

Fil-kaz in desamina jinghad li zgur li l-kwistjoni jekk hux minnu li Franco Xuereb verament xtaq jew ma xtaqx li jinghata c-cekk ta' flusu meta jaghlaq il-kont sabiex jinvestihom hu, bl-ebda mod ma ghandu jkollu piz fuq it-talba li ghamel l-imputat ghall-interdizzjoni ta' ommu. Ghaliex din hija kwistjoni indipendenti totalment u tali talba ghall-interdizzjoni tista' tigi biss milqugha jekk it-tobba psikjatra li jigu nominati jikkonfermaw li l-istat mentali taghha huwa tali li jammonta ghal *dimentia*. In oltre stante li tali gurament ma nghatax fi procedeura civili ta' natura kontenzjuza, dak li ghamel l-imputat lanqas ma jaqa' taht dan it-tielet element.

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'hekk imsejha *mens rea* tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-**Mamo**: "*The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. ... Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the*

[3] Ibid.

*actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted*."

L-istess jghid l-**Antolisei**:

"*Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte cio' che si sa. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto, il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica*."

Il-**Maino** ukoll isostni:

"*L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e* ***la coscienza di mentire*** *o* ***di nascondere la verita****. ... Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dalle circostanze.*"[4]

L-awturi huma kollha konkordi, fis-sens illi sabiex jissussisti dana r-reat, bilfors illi x-xhud (f'dan il-kaz l-imputat) irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioe' irid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma jghidx il-verita'. Jekk hija nieqsa dina l-intenzjoni allura l-ebda xhieda inveritjiera ma tista' twassal ghal xi sejbien ta' htija ghal dana d-delitt.

---

[4] Commento al Codice Penale – Dei delitti contro l'amministrazione della giustizia.

Fit tieni lok l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-Artikolu 108 tal-Kodici Kriminali u cioe' li ha gurament falz quddiem uffiċjal li jkollu s-setgħa b'liġi li
jagħti l-ġurament.

Dan huwa reat serju hafna ghaliex l-iskop ta' punizzjoni ta' tali reat qieghed hemm ghaliex b'gurament falz wiehed qieghed jizvija l-amministrazzjoni tal-gustizzja.

**Antolisei** jghid:-

*"La ratio dell'incriminazione e' evidente. L'autorita' guidizziaria per assolvere i suoi compiti, ha bisogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete affinche possono essere emessi provvedimenti giusti, e cioe' conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente puo fuorviare l'attivita' giudiziaria e per questa raggione viene sottoposta a pena*".

Illi jidher car ghalhekk li sabiex jissusisti dan ir-reat irid ikun hemm is-segwenti elementi:-

1. Li bniedem jiehu gurament; u
2. Li tali gurament jittiehed quddiem uffiċjal li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament.

Illi fil-kaz in desamina jirrizulta li effettivament fuq ir-rikors li gie esbit a fol. 20 et seq u li fuqu giet prezentata il-kwerela hemm indikat a fol. 3

tieghu li Marc Xuereb halef il-korrettezza ta' dan l-att waqt li qrah quddiem il- Kummissarju ghall-Guramenti Jean Pierre Busuttil. Jigi rilevat illi l-imputat fix-xhieda tieghu kif ukoll fl-istqarrija tieghu qatt ma gie mistoqsi jekk effettivament halifx ir-rikors u addirittura jekk dan ir-rikros giex moqri lilu, w il-Prosekuzzjoni naqset meta m'ghamlitlux dawn id-domandi. In oltre naqset ukoll meta ma harrkitx lill-istess Jean Pierre Busuttil sabiex jixhed fil-Qorti u jikkonferma fl-ewwel lok li huwa kellu s-setgha li jaghti l-gurament, fit-tieni lok li ta l-gurament, u fit-tielet lok li qara l-kontenut ta' dan ir-rikors qabel ma l-imputat ha dan l-allegat gurament.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v Vincent Grima et**[5] fejn dik il-Qorti ddikjarat li dak li allegatament kien qal l-imputat f'dik il-kawza, quddiem ufficjal addett mal-Identity Cards Division ma jistax jaqa' taht gurament falz peress li ma kienx gie ppruvat li dik il-persuna addetta mal-Identity Cards Division, kienet persuna li kellha s-setgha bil-ligi li tamministra l-gurament, peress li f'dik il-kawza ma ngibitx l-ahjar prova u cioe' li l-*warrant* kien mahrug taht l-Artikolu 3 tal-Ordinanza dwar il-Kummissjoni b'setgha li jaghtu gurament (Kap 79).

Din il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Charlie (Carmel) Taliana**[6] fejn ukoll saret referenza ghall-fatt li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova fil-kaz taghha jekk Beatrice Fenech ghandhiex is-setgha li taghti gurament. Fil-fatt il-Qorti ghamlet referenza ghal dak li kienet qalet din l-istess Beatrice Fenech li kienet tahdem fit-Transport Malta u cioe' li tali xhud stqarret biss "*li kull ma taghmel meta xi hadd imur jaghmel affidavit hu: "Naghtih id-dokument li ahna nsejhulu*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju, 1998, (Appell Numru 175/57)
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Novembru, 2011

*affidavit, hu jiffirmah u ahna nohorgu l-licenzja…"* F'din il-kawza l-Qorti tal-Appelli Kriminali kienet illiberat lill-imputat li deher quddiemha ghaliex sostniet li wiehed mill-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat kontemplat fl-artikolu 108(1)(b), u cioe` li persuna tkun halfet il-falz "*quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament",* huwa nieqes, ghax ma ngabet l-ebda prova li Beatrice Fenech kellha dik is-setgha.

Din il-Qorti pero' zzid u tghid li anke kieku kellu jigi accettat li Beatrice Fenech kellha tali setgha, xorta ma jirrizultax li giet rispettata l-forma tal-gurament. Din il-kwistjoni fil-fatt diga` giet deciza minn dik l-istess Qorti fl-Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. John Cutajar** u **Il-Pulizija v. Donovan John Scerri**[7], it-tnejn decizi fis-17 ta' Ottubru 2011 u ghalihom din il-Qorti taghmel pjena referenza, filwaqt li ticcita s-segwenti bran:

"*Ghalhekk il-konkluzjoni tal-Qorti hija li l-gurament imur 'il hemm minn semplici formola ta' kliem li fiha 'Jien nahlef' u/jew firma fuq karta. Tezisti l-amministrazzjoni tal-gurament li mhix sempliciment formola. Il-persuna inkarigata trid jew taqra t-test hi stess, jew tisma' 'l min qed jiehu l-gurament jaqra t-test u wara jbus is-salib jew waqt il-qari tat-test tal-gurament ipoggi idejh fuq il-Bibbja jew il-Koran.*

*"Jekk wiehed jaghmel dikjarazzjoni solenni l-persuna li qed tamministra l-gurament ghandha tispjega u turi bil-fatti li din id-dikjarazzjoni hija wahda specjali u li titlob minn dak li jkun impenn mhux tas-soltu. Ghandha tizgura li l-persuna li qed tiehu l-gurament fehmet sewwa dak li tkun ser tahlef u, jew taqra hi stess bil-mod id-dikjarazzjoni solenni jew tisma' lil persuna taqraha ad alta voce.*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Ottubru 2011

*“Kemm fil-gurament u kemm fid-dikjarazzjoni solenni, il-persuna inkarigata ghandha d-dmir li tfiehem lil min qieghed jaghmel dawn l-atti s-serjeta’ tal-mument specjalment jekk tintebah li dawn l-atti qed isiru b’certu leggerezza.*

Il-Qorti ghalhekk tinnota illi l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova l-elementi ta’ dan ir-reat ukoll stante li ma harrkitx lil Jean Pierre Busuttil biex jixhed.

Il-Qorti tinnota b’dispjacir kbir kif ahwa jistghu jaslu sabiex jintavolaw proceduri bhal dawn u ma jipprovawx jirrangaw il-pendenzi bejniethom, molto piu’ meta tqis li n-natura tal-kaz odjern kien ta’ portata zghira u bla ebda dannu fuq xi parti, w ghalhekk tawgura li jdahhlu ftit sens bejniethom u jittransigu l-pendenzi bejniethom b’mod amikevoli.

Il-Qorti gharblet il-process kollu w ghamlet sommarju ta’ dak li qal kull xhud u hija tal-fehma li l-fatti specie ta’ dan il-kaz kif fuq imfassla zgur li ma jistghux jaqghu taht dawn ir-reati kif kontemplati fl-Artikoli 106 u 108 tal-Kodici Kriminali. Jista’ jaghti l-kaz li l-agir tal-imputat seta’ gie cirkoskritt taht disposizjoni tal-ligi ohra bhal dak kontepmlat fl-Artikolu 103, f’kaz li din il-Qorti kellha temmen li dak li stqarr l-imputat fir-rikors kien inveritjier, pero’ l-imputat ma giex akkuzat b’dak ir-reat.

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li ma issibx lill-imputat **MARCO XUEREB** hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.

Magistrat